**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 209 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stacey Attard)**

**-vs-**

**Noel Borg**

Illum, 23 ta Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Noel Borg detentur tal-karta ta' l-identita 159080 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fit-22 ta' Novembru, 2018, ghall-habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs minn gewwa Remissa li tinsab fi Triq l-Istalel gewwa Marsa flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' bagalja kontenenti 4,000 Euro u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Lamin Jammeh u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok:

2. Talli fit-22 ta' Novembru, 2018, ghal habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs fil-Marsa u fi nhawi ohra f' dawn il-gzejjer, ikkaguna jew x' aktarx ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Lamin Jammeh;

3. Irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront taghhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba illi f' kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba illi f' kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-23 ta' Dicembru, 2019, permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261 (a) (c) (e), 262 (1) (a) (b), 267 u 274 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 218 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 t' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 216 (1) (d), 261 (a) (c) (e), 262 (1) (a) (b), 267, 269 (g), 274 (b), 276, 277 (a), 279 (a) u 280 (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, kif ukoll tat-tieni imputazzjoni izda ta' offiza ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, u ikkundannatu seba (7) snin prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €304.03 rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[2]

---

[1] Fol.307

Kif ukoll ai termini tal-Artikolu 15 A tal-Kodici Kriminali, bhala kumpens ghal dak it-telf li soffra Lamin Jammeh, vittma ta' serq bi vjolenza, kif ukoll ghall-offiza gravi kawzata mill-imputat, ordnat lill-imputat jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' sebat elef ewro €7,000.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bhallikieku nghatat f' kawza civili bejn l-imputat u l-parte leza.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412 D tal-Kodici Kriminali, poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dan ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikejdi interventi minn professjonisti ohra inkluz dawk minn psikologici kif rakkomandat mill-Probation Officer.

Finalment ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ordnat il-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

Rat ir-rikors tal-appellanti Noel Borg minnu pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern;

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant in succint huma is-segwenti

(1) Illi, umilment jigi sottomess li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant u

[2] F'din il-komputazzjoni huma eskluzi l-ispejjez ta' Dr. Lennox Vella.

dan ghaliex il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu il-boghod mill-grad rikjest mill-ligi;

(2) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex l-piena fil-konfront tieghu moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva;

1. **Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova u minflok strahet fuq kongetturi jew dikjarazzjonijiet li ma sabux konfort mill-provi.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u del resto, anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

<u>Illi fil-kaz odjern, jidher li l-Ewwel Qorti strahet ampjament fuq ix-xhieda viva voce li taha l-allegat vittma filwaqt li ma kkonsidratx l-inkonsistenzi fid-depozizzjoni tieghu. Konsegwentement dak li xehed ma kellux jinghata daqstant piz stante li fl-umli fehma tal-esponenti kienet xhieda ghall-ahhar kontrastanti, inverosimili u li ma kellhiex mis-sewwa, u dan kif ser jigi muri fis-sottopost.</u>

Illi huwa innotat illi l-verzjoni tal-vittma fuq punt tant essenzjali u cioe kif ittiehdet il-bagalja bil-flus ossia r-res furtiva nbidlet f' diversi cirkostanzi u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha quddiemha bosta verzjonijiet ta' kif attwalment sar l-allegat serq!

L-**Ispettur Lydon Zammit** xehed illi meta Lamin Jamih gie mitkellem l-isptar huwa kien spjega kif kienet ittiehdet il-bagalja. Illi minn ezami akkurat ta' x' qal Jamih dakinhar, jidher li lill-Pulizija huwa tahom zewg verzjonijiet konfliggenti. Illi

filwaqt illi f' hin minnhom jispjega illi kienet Leanne Chalbi li marret ghall-bagalja waqt li t-tnejn l-ohra aggredewh fil-common area, f' hin iehor jispjega li huwa kien intefa' fuq il-bagalja u ghaldaqstant ma jistax ikun li Chalbi kemm marret u qabditha mill-art!

Verzjoni Numru wiehed (1):

*Safrattant huma rnexxilhom jidhlu gewwa u z-zewg persuni l-ohra aggredixxewh fil-common area, fil-kamra kif tidhol u Leanne Chalbi marret fil-kamra tas-sodda,* ***qabdet din il-bagalja li kienet ta' kulur blue li kienet mal-art u harget tigri l' barra.*** *Minn naha tieghu hu qalli li bqajt nigi aggredit minn naha taghhom.(accenn mizjud)*

Verzjoni Numru tnejn (2):

*Qalli jiena qalli qisni tajthom indikazzjoni jiena* ***ghax intfajt fuq il-bagalja biex ma jehduhiliex u ghidt jien nissoponi li indunaw li ghandi xi haga ta' valur fiha.*** *(accenn mizjud)*

Illi meta l-istess vittma ha l-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti huwa rega' biddel il-verzjoni ta' kif ittiehdet il-bagalja u spjega hekk:

*Kif ra x' kien qed issehh mar hdejn il-bagalja biex jipprotegi hwejjgu, u* ***Noel Borg hadlu l-baggalja minn idejh*** *u ghaddiha lil Chalbi li telqet tigri l-barra mid-dar bil-bagalja.* [3]

Iktar tard fl-istess xhieda tieghu huwa jghid:

*Hu mar ipoggi fuq il-bagalja x' hin dahhlu gewwa daru izda* ***wara li gie aggredit miz-zewg irgiel, dawn irnexxielhom johdulu l-baggalja*** *w tawha lil mara li telqet tigri l-barra biha.*

[3] Sentenza tal-Ewwel Qorti pagna 8 paragrafu 13

Illi għalhekk rigward dan il-punt fix-xhieda tiegħu ukoll jeżistu l-inkonsistenzi fejn filli jispjega li mar fejn il-bagalja u din giet meħuda u filli li gie aggredit u z-zewg irgiel hadu l-bagalja u tawha lill-mara.

**<u>Ghaldaqstant huwa gie taha lill-Pulizija kull verzjoni taht il-kappa tax-xemx fejn, spjega f' hinijiet differenti illi kienet Chalbi li hadet il-bagalja, f' hin minnhom illi kienu l-irgiel u f' hin iehor illi kien biss l-appellant Noel Borg! Fid-dawl ta' dan huwa ferm dubjuz l-mod ta' kif din il-bagalja ittiehdet u jekk kienx hemm il-vittma bilqieghda fuqha f' dak il-mument jew kienx qieghed x' imkien iehor. Dan kollu qieghed jinghad minhabba l-fatt illi Lamin darba minnhom jispjega li huwa pogga fuq il-bagalja biex jipprotegi l-affarijiet ta' valur u filli ddepona li kien qed jigi aggredit!</u>**

Illi anke mis-siltiet fuq citati jidher car illi meta l-vittma jaghmel referenza ghal meta beda jigi aggredit, huwa dejjem jitkellem fil-plural u fil-maskil b' dana li jaghti x' jifhem li kienu z-zewg irgiel li kienu qeghdin jattakkawh. Izda ohrog il-ghageb meta gie biex jidentifika lill-persuna li aggredih huwa gharaf biss fl-awla lill-appellant Noel Borg!

*J. Lamin: It is this one, at the middle.*
*Court: In the middle? Noel Borg.*
*J. Lamin: Yes*
*...*
***J. Lamin: They refused so I said if you don' t go out I will call the Police and this one in the middle he started to fight me.***
***Court: What did he do? He punched?***
*J. Lamin: Yes he punched me look at my teeth. (accenn mizjud)*

Illi apparti minn hekk kien il-vittma ukoll li xehed li huwa qatt ma raha lill-ebda mill-imputati qabel l-akkadut meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti:

*Court: Did you know them before?*
*J. Lamin: I did not see these people in my life.*

*Court: You never saw anyone of them, so how did they know where you live?*
*J. Lamin: I dont know, sometimes people come there.*

Izda johrog car mic-CCTV footage illi dakinhar tal-incident fis-14:47:23, Chalbi dahlet fil-garaxxijiet fejn joqghod il-vittma u harget fit-15:10:39 u cioe` madwar hamsa u ghoxrin minuta wara. Ghalkemm hija kienet tidher li dahlet fir-residenza tieghu b' zarbun tat-takkuna, jidher li harget mill-istess b' zarbun catt! Illi l-Ewwel Qorti ghamlet osservazzjoni interessanti meta innutat li hija u diehla:

*F' idha l-lemminja tidher izzomm mobile. Ma qed igorr l-ebda handbag jew artiklu iehor. Wara li Chalbi tohrog mill-vettura, Mifsud jerga jidhol fis-seat tax-xufier.*

Illi dan maghdud mal-fatt illi Chalbi fl-istqarrija taghha kienet ammettiet li hija kienet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u li fil-fatt l-allegat vittma kien klijent regolari taghha johrog car illi l-vittma ma kienx qieghed jghid is-sewwa meta ddepona li huwa qatt ma ltaqa ma' hadd mit-tliet imputati qabel u dan ghaliex jidher car illi tal-inqas kien jaf wahda – Leanne Chalbi- tant li meta din dahlet b' zarbun tat-takkuna harget b'zarbun catt, zarbun li kjarament kien diga fir-residenza tal-vittma!

Illi inkonsistenza grassa ohra hija meta wiehed iqis kif il-parte civile sostna li gol-bagalja kien hemm figura tonda ta' erbat elef ewro (€4,000) li minnhom huwa kellu elf u hames mija (€1,500)! Illi bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti ukoll ikkoncediet illi:

*Rigward l-ammont tar-res furtiva jigi sottolinejat li ghalkemm Lamin sa mil-bidu nett issemmi li kellu madwar €4,000 fiha, hu stess jistqarr li fiha kien hemm €1,500 tieghu filwaqt li siehbu Ansummana Drammeh jsemmi li kellu xi €400. Ma jsemmi l-ebda ammonti ohra jew lil min kienu jappartjenu. Il-kumplament tal-€2,000 baqghet ma ngabitx il-prova dwarhom ghalkemm Lamin qal lill-ispettur Attard li kien hemm flus li jappartjenu wkoll lil certu Lamin Kasama izda dan il-persuna ma ngiebx bhala xhud biex jikkonferma l-ammont li effettivament gie misruq lilu. Ghalhekk l-ammont tar-res furtiva li giet pruvata sal-grad mistenni hi dik ta' madwar €2,000 tenut kont li fil-bagalja jistqarr li kellu hwejjeg u dokumenti ohra.*

*Ghalhekk l-ammont tar-res furtiva li giet pruvata sal-grad mistenni hi dik ta' madwar €2,000 tenut kont li fil-bagalja jistqarr li kellu hwejjeg u dokumenti ohra.*

**<u>Illi ghalhekk wiehed isaqsi kif jista' qatt il-Qorti temmen li huwa kellu dan l-ammont kollu iktar u iktar meta l-vittma kien ilu jghix Malta biss ghal erba' xhur u li jahdem f' sit ta' kostruzzjoni!!!</u>**

Illi minkejja dawn l-inkonsistenzi kollha l-Ewwel Qorti xorta wahda ghogobha temmen lill-vittma u mhux lill-appellant li ghazel li jixhed quddiemha minkejja li kellu d-dritt ghas-silenzju!

Illi apparti l-inkonsistenzi kollha tax-xhieda, l-appellant jikkontesta ukoll dak li qalet l-Ewwel Qorti u cioe illi kien hemm prova ta' pjan komuni (common design) meta l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi:

*L-ghemil ta' Borg, kif mghallma b' gurisprudenza, jimmilita favur is-sejbien ta' htija tieghu fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Huma dawn il-provi appena kkunsidrati li jaghtu xhieda tal-common design li kien hemm bejn l-imputat, Chalbi u Mifsud.*

Illi l-appellant xehed ampjament quddiem l-Ewwel Qorti illi dakinhar huwa kien ghadu kemm abbuza mid-droga u ghalhekk ma kienx fi stadju tajjeb li seta' kien jaf x' inhu jigri. Illi fil-fatt johrog ampjament car mix-xhieda tieghu illi mhux talli huwa kien qieghed jabbuza mid-droga dak iz-zmien talli kien ghadu kif ha sustanza illecita li waslitu li jkun fi stat ta' sahha xejn tajjeb tant li ma kienx jaf x' inhu jigri! Illi fost dak li ddepona huwa qal hekk:

*Noel Borg: Leanne Chalbi ma nafx kif spiccat ghax jien kont ma' **John Mifsud u naf li kont qieghed norqod hafna, norqod u nqum***

*Dr. Marion Camilleri: X' kienet ir-raguni li filfatt dan John Mifsud kien qed isuq il-karozza tieghek?*

***Noel Borg: Ghax jien ma kontx f' sitwazzjoni li nsuq jiena***

*Dr. Marion Camilleri: Jigifieri intom kif iltqajtu ma' Leanne ma tiftakarx?*

***Noel Borg: Jien kont rieqed fil-karozza***

*Qorti:: Imma rqadt bil-lejl jigifieri?*

*Noel Borg: Le mhux bil-lejl, filghodu bdejt norqod jiena. Niftakar li kien hemm xi jiem minnhom morna fejn id-dar tieghi filghodu*

*….*

*Dr. Marion Camilleri: Meta qed tghid li ma tiftakarx ezatt, ghaliex ma tiftakarx?*

***Noel Borg: Ghax dak il-hin kont qieghed rieqed hux, kont qieghed wisq dahna, wisq***

*…*

Illi anke meta l-Qorti staqsiet jekk kienx jaf x' gara u ma garax huwa kompla jinsisti li huwa kien rieqed!

*Qorti: Jigifieri wasaltu l-Marsa bdejt tqum, taf x' gara u ma garax*

***Noel Borg: Ifhimni l-ewwel darba kont rieqed, x' hin morna l-Marsa kont rieqed***

*Qorti: Il-Marsa l-ewwel darba kont rieqed*

*Noel Borg: Ehe kont rieqed jien*

*…*

Illi di piu` meta l-appellant gie mistoqsi rigward xi pjan jew xi ftehim huwa ukoll cahad dan billi ripetutament u f' diversi waqtiet baqa' jghid l-istess haga kemm meta mistoqsi mill-Qorti, kemm meta mistoqsi mill-avukat tad-difiza u kemm meta mistoqsi mill-Prosekuzzjoni!

*Dr. Marion Camilleri: L-ahhar domanda minn naha tieghi, mela, meta kontu gol-karozza, kemm l-ewwel darba u kemm it-tieni darba, x' diskors jekk intqal bejnietkom ghax din importanti Sur Borg*

***Noel Borg: No no ma sarx l-ebda diskors hlief li biex iggib il-mobile u biex iggib it-20 euro l-ewwel darba, biex iggib xi haga tal-flus u gabet 20 euro***

…

**Prosekuzjoni: Kont taf ghalxiex sejjer f' dan il-post?**

**Noel Borg: Li naf li Leanne qalet li ser iggib xi flus u li gabet, gabet 20 euros**

*Prosekuzzjoni: Issa inti staqsejt lil Leanne x' inhuma dawn il-flus, ghalfejn trid tigbor dawn il-flus?*

*Noel Borg: Le ma staqsejthiex*

…

*Noel Borg: Sinjura Magistrat, il-posizzjoni li kont jien fid-droga ma stajtx, jien kont inpejjep hafna cocaine, sewwa, u nabbuza mill-heroin, fil-posizzjoni li kont ovvjament*

***Qorti: Jista' allura Noel li inti kien hemm qbil biex isir dan biex tkomplu tabbuzaw mid-droga, kien mument daqshekk difficli ghalik?***

***Noel Borg: F' liema sens qbil?***

***Qorti: Jigifieri intkom it-tlieta, forsi mhux int kont il-mohh, int hallejt warajk u armejt l-isforzi kollha u spiccajt f' posizzjoni antipatka bil-mewt ta' ommok u kollox, jista' jkun kif kellek il-kumpanija hazina dak iz-zmien, kellek, ghamilt kumpanija hazina wara f' dawn iz-zminijiet, kien hemm qbil, kontu tafu ghalxiex sejrin hemmekk***

***Noel Borg: Le ma kontx naf Sinjura Magistrat***

Tant cahad l-appellant li huwa insista ukoll li huwa qatt ma ghamel l-ebda serqa:

*Prosekuzzjoni: Issa ftit hin wara ergajtu mortu fejn ghamiltu, fejn allegatament ghamiltu s-serqa*

*Noel Borg: Le safejn naf jien, jien ma ghamilt l-ebda serqa*

Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu, l-appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti sabet dan il-pjan komuni mhux minn xi prova li hemm fl-atti processwali ta' xi ftehim izda minn supposizzjonijiet li ghamlet u li qieset hija stess u dan stante li prova wahda li l-appellant flimkien mal-ohrajn kellhom dan il-pjan ma tezistix! Illi f'dan in-nuqqas, l-appellant jissottometti umilment li huwa ferm perikoluz illi l-Qrati taghna jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

Illi f'dan l-istadju isir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Dylan McKay deciza minn din l-istess Qorti nhar id-29 ta' Novembru tas-sena 2018 fejn din il-Qorti dahlet sew f' dak li jrid jigi pruvat sabiex jissusstissi l-common design!

*Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f' dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.* ***Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq***

***mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."***

***Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu ' l hekk imsejjah common design mal-awtur tar-reat, kif allegat. Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f' din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il-ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.***

…

*Tant hu hekk illi fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, hemm serje ta' mistoqsijiet li taghmel il-Qorti li fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm it-twegiba taghhom tista' twassal sal-grad tal-probabbli, madanakollu jieqfu ferm ' il boghod mill-konvinciment morali li trid il-ligi.*

*Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jezistu serje ta' cirkostanzi li setghu iwaqqghu suspett fuq il-persuna tal-appellant dwar l-involviment tieghu fil-kummissjoni tad-delitti lilu addebitati, madanakollu ma iwassalux sabiex jigi stabbilit il-ftehim pre-ordinat li tinneccessita l-ligi fil-figura tal-ko-awtur.*

*Illi mehuda fl-assjem taghhom dawn il-fatti probatorji jistghu iwasslu biss ghal suposizzjonijiet izda mhux ghal fatti ippruvati.*

…

*Finalment jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha tal-akkuzat fuq ix-xena tad-delitt ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi huwa kien fassal pjan ta' azzjoni mal-aggressur jew aggressuri sabiex jigu kommessi dawn id-delitti. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif*

*wasslet ghalihom ukoll l-Ewwel Qorti, certament dawn qatt ma jistghu b' xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi – ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista' tigi stabbilita ir-reita' . Regoli li ma isibux applikazzjoni ghal provi kemmxejn fjakki li ingibu mill-Prosekuzzjoni fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti.*

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar ' l hekk imsejjah concursus delinquentium: *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence."*

*"There cannot be a ' concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. … "*

Illi ai rigward it-tieni imputazzjoni, l-appellant umilment jissottometti lill-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda tal-professjonisti li ezaminaw lill-vittma dakinhar tal-incident u ghamlet gudizzju hija a bazi ta' dak li rat fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, xahrejn wara l-akkadut!

Illi l-Qorti ikkonkludiet illi:

*"Il-fatt li meta gie ezaminat ma jissemma' xejn dwar id-daqqa fuq halqu, ma jnaqqas xejn mill-kredibbilita` tal-verzjoni tieghu, wara kollox anke din il-Qorti stess setghet tikkonsta li kellu hanek minfuh."*

Illi l-appellant isaqsi kif setghet il-Qorti tasal ghal tali konkluzzjoni meta wiehed iqis lic-certifikat mediku kkonfermat minn Dr. Shamaki Garba jindika lill-vittma semai kellu "Il-griehi gew klassifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet."

Illi di piu` la l-Professur Ray Gatt u lanqas Dr. Mario Scerri ma kkonstataw dak li fuqu ghamlet gudizzju l-Qorti! Illi bir-rispett kollu jinghad lill-Qorti ma setghet qatt tasal ghal konkluzzjoni ta' dan it-tip wahedha u dana ghaliex meta tqis l-esperjenza medika tal-Qorti max-xhieda li ddeponew f' dan ir-rigward, zgur li dawn tal-ahhar huwa iktar ta' min joqghod fuqhom stante li huma professjonijisti fil-kamp mediku!

Illi hawnhekk ukoll, il-verzjoni li taha il-vittma lill-Ewwel Qorti ghal kif gara dan l-avveniment ma tantx hija plawzzibli. Illi huwa stqarr illi soffra griehi fuq koxxtu w siequ tax-xellug, u li meta nstaqet il-vettura, siequ kienet taht il vettura u ghaddiet minn fuqha. **Illi minkejja l-fatt illi huwa verament inverosimili illi kemm-il darba huwa kien qieghed jiggranfa mal-bieba kif jidher mic-CCTV l-karozza setghet ghaddiet minn fuq siequ, wiehed ma jista' qatt jasal jemmen lill-vittma meta jibqa' l-fatt illi l-mod ta' kif kien qieghed izomm mal-bieba tal-karozza kienet siequ tal-lemin illi kieku biss kienet in-naha tal-karozza u mhux dik tax-xellug!**

Oltre, minn dan, il-vittma jghid li sakemm huwa kien igranfat mal-bieba tal-karozza, huma kienu ukoll qeghdin isawtuh!

*Court: So you were shouting, holding on to the handles so they dont drive*
*J. Lamin: Yes, they are still punching me so I let go off the handle but I did not leave the door.*
*Court: Ok you did not leave it*
*J. Lamin: Yes that is why I have these injuries because I did not leave the door, so they are driving the car.*

Illi ghalhekk l-appellant jissottometti umilment illi ghalkemm ma seta` kien qatt li huwa ikkaguna xi offiza stante li dan ma kienx qieghed isuq jidher anzi mill-provi li huwa lanqas qatt ma ried iwegga' lill-istess vittma tant illi jekk huwa kien riekeb in-naha tal-passiggier u kellu l-bieba miftuha huwa waqaf milli jaghlaqha ghaliex kieku kien ser iwegga' sew lil Lamin.

Illi fil-fatt fuq mistoqsija tal-Qorti huwa xehed:

*Qorti: Imbaghad mela fethitha l-bagalja? Fejn marret biha l-bagalja?*

*Noel Borg: Hi fethitha l-bagalja*

*Qorti: Quddiemek*

***Noel Borg: Jien kont qieghed dak il-hin inzomm il-bieba miftuha biex ma tinghalaqx fuq id Jamil dak il-hin issa hi hemmekk kienet diga fethitha l-bagalja hi***

Illi l-appellant isostni ukoll li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati a bazi ta' dak li hasbet li seta' jaghmel dak il-hin stante lill-Qorti trid tiddeciedi fuq dak li ghandha quddiemha – quod non est in actis non est in mundo!

Ghaldaqastant ma kienx gust dak li qalet il-Qorti meta kkonsidrat hekk:

*Possibli ma setghax jtella' l-handbreak, jghidlu "ieqaf!!"? Zgur li kontroll ta' lsienu kellu!!*

**In oltre, jigi rilevat illi fid-decide taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati ai termini tal-Artikolu 216 (d) meta ma ngiebet ebda prova fl-atti li tissostanzja din id-disposizzjoni tal-ligi!**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Attard**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x' inhu ntiz bl-element formali jew mens rea.

Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f' din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi[4]** , il-Qorti tal-Appell tghallem li;-

> *"huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni".*

Illi f' dan ir-rigward l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tidhol f' dak li jikkostitwixxi r-responsabbilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-maxim legali "*actus non facit reum nisi mens sit rea*". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b' mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabbilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola d-drittijiet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali.

Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzjoni doluza o meno tal-appellant f' dak li ghamel jew naqas li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabbilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b' mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f'ghemilu u ghalhekk l-intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea

---

[4] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 2000 - Rikors inf. 284/2000 PV.

rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m' hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabbilita kriminuza. L-intenzjoni b' mod generali hija l-iskop jew dizinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

**Holme**s fil-ktieb tieghu **Common Law** [5] jirrileva li:

> "*intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire.*"

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f' mohh l-agent u li bih gie realizzat l-att. B' mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja. Huwa car fil-ligi penali li l-kelma ' i*ntenzjoni'* hija uzata f' sens usa u fil-fatt Carrara jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus *"as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law".*

Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju ignoratia iuris neminam excusat izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.

Kif jghid l-awtur Inliz **Kenny** [6] tal-ktieb tieghu intitolat **Criminal Law** –

> "*in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal.*"

Dan l-element jirrikjedi:

> *1. "the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*

---

[5] Fol. 53
[6] Fol. 39

*2. knowledge - that what the offender is doing is wrong;*

*3. foresight of such circumstance".*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu - **Manuale di diritto penale** [7]- jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:-

*a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*

*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Ghalhekk, meta jigi meqjus dan kollu jirrizulta li x-xhieda li qaghdet fuqhom l-ewwel Qorti sabiex issib il-htija fl-imputat **MA KIENU KREDIBBLI XEJN u dan ghaliex huma bil-bosta l-inkonsistenzi u l-inverosimilitajiet li jezistu fid-depozizzjonijiet taghhom.** Konsegwentement ma tantx jista' jinghad lill-imputazzjonijiet gew pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi umilment jigi sottomess ghalhekk illi l-verdett milhuq mill-Ewwel Qorti ma huwiex safe and satisfactory to be confirmed on appeal. Ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssegwi l-massima in dubio pro reo u ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotta fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Buhagiar** deciza fl-10 ta' April 2008 il-Qorti ezercenti s-setgha ta' Appell Inferjuri spjegat:

*Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w lgudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda*

[7] 1975 edition fol 271

*taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.* (Ara. App. Krim. **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila e**[8]*"*; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**[9]; **Il-Pulizija vs. Joseph** Zahra[10] u ohrajn )

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius**[11] rriteniet:

> *' Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'***

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabitu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**2. Piena Erogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija

---

[8] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[9] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-11 ta Lulju 1994
[10] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Mejju 2002
[11] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 2015

wahda eccessiva, u cioe' dik ta' prigunerija ta' (7) seba' snin, kif ukoll is-sebat elef ewro (€7,000) lill- appellant gie ordnat ihallas lil parti leza Lamin Jammeh ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament. Fil-fatt l-appellant isostni illi l-piena karcerarja nflitta fuqu, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.

**Kenny** fil-ktieb tieghu ' **Outlines of Criminal Law'** jghallem li:

> *"As regards the offence, account must be taken:*
>
> *(1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class;*
>
> *(2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected;*
>
> *(3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed;*
>
> *(4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…*
>
> *As regards the offender himself, account must be taken:*
>
> *(1) of his age, health and sex;*
> *(2) of his rank, education, career and disposition;*
> *(3) of his motive;*
> *(4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted;*
> *(5) of his susceptibility to punishment…"*

Illi, bir-rispett dovut jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed ezagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il-gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li  l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

**Illi kkonsidrat dan kollu, l-appellant umilment jissottometti li piena karcerarja hija wahda ezagerata u eccessiva ghal-ahhar! Ghaldaqstant l-appellant jitlob umilment li f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell taghzel li tikkonferma l-htija, tirriforma l-piena b' dana li din tkun wahda iktar mita u idoneju u dan stante illi ghalkemm f' dak il-perjodu huwa kien qieghed jabbuza mid-droga, huwa rega' irriforma ruhu wahdu u qata' dan il-vizzju. Ghalhekk, f' kaz ta' sejbien ta' htija huwa jisthoqlu piena aktar mita u idonea. Huwa fil-fatt xehed:**

*Dr. Marion Camilleri: Issa llum il-gurnata inti, x' inhi l-posizzjoni tieghek, naf li xehdet il-probation?*

*Noel Borg: Mindu gara dan il-kaz, jien qisni bla ma ried waqaft*

*Dr. Marion Camilleri: Waqaft minn xiex?*

***Noel Borg: Mid-droga, ergajt hadt qisni ir-rigni f' idi. Ifhimni jien jiddispjacini hafna dan li gralu Jamil, pero' ma huwiex***

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament u l-età tal-appellant, din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

**Illi f' dan l-istadju issir referenza ghax-xhieda tal-Probation Officer Sarah Bezzina ta' nhar it-8 ta' Gunju tas-sena 2020 meta hija sostniet:**

***Kellimt lil mara tieghu fejn mill-intervista toffrilu hafna support u ghandu familja maghquda. Fl-aspett ta' droga Noel beda jabbuza mid-droga minn meta kellu l-eta ta' ghaxar snin. Ta sbatax-il sena kien ghamel programm li kien spicca b' success u kien ghamel hmistax-il sena clean fejn kien ukoll jahdem fi hdan il-Caritas. Noel kien rega waqgha fil-problema ta' droga meta mietet ommu li tidher li kienet halliet impatt kbir fuqu u kien waqaf juza d-droga meta kien arrestat fuq il-kaz odjern.***

…

***Meta kien arrestat rigward il-kaz odjern huwa kien ha d-decizjoni li ma juzax iktar droga u fil-fatt sar kuntatt mas-Sedqa fejn hu qed jircievi l-ghajnuna minn naha taghhom. Minn naha ta' kuntatti mill-professjonisti ohra f' dan l-aspett kollha kellhom kliem pozittiv rigward Noel. Saru ukoll testijiet ta' l-urina gewwa d-dipartiment tal-probation and parole fil-25 ta' Frar u 9 ta' Marzu fejn kollha irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.***

…

***Dr Marion Camilleri: Bhala pjan il-quddiem x' tara li jkun adekwat, ovjament li jibqa jaghmel kuntatt ma min qed jaghmel kuntatt.***

***Sarah Bezzina: Ovjament kuntatt ma Sedqa kif inhu ghaddej. Barra minn hekk jkun hemm kuntatt ma psikologu biex jittekilja l-problemi minn dawk l-affarijiet li ghadda, dawk bazikament.***

Illi huwa ukoll fix-xhieda tieghu jispjega li ghalkemm kienet difficli immens huwa kellu jipprepara ruhu anke sabiex ikun fi stat ta' sahha adegwat u jmur ghand il-Pulizija u ghalhekk huwa kien mar ghandhom.

Illi inoltre l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Ir**-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef** sahqet illi:

> *' l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protratetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.'*

Illi f' dan l-istadju l-appellant jirrileva ukoll, illi ogni caso, il-piena moghtija lilu hija wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**[12], il-Qorti qalet illi:

> *Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett*

[12] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Settembru 2003

*predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recedivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**[13], deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis- 7 ta' Novembru, 2008 il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recediv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…** Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-***

[13] Deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Ottubru 2008

***triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-***

> ***persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Di piu` l-appellant jilmenta ukoll minn kif il-Qorti di sua sponte applikat l-artikolu 15A tal-Kap 9 u ordnatlu jhallas is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) u dana meta l-Ewwel Qorti stess ikkoncediet li se mai jekk hemm xi prova tar-res furtiva dina tammonta biss ghal kwazi elfejn ewro!!! Ghaldaqastant l-ammont ta' sebat elef arbitrio bono viri baqghet qatt ma tat rendikont ghalih u dana meta qisitu minghajr ma kien indikat mill-Avukat Generali!!!

Finalment, l-appellant jirregistra ukoll l-oppozizzjoni tieghu ghal konfiska tal-karozza Wolkswagen Beetle ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat:

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fit-22 ta' Novembru, 2018, il-Pulizija gew infurmati minn Lamin Jammeh li kienet ghada kif sehhet serqa u li kien anke gie aggredit minn persuni;

2. Il-Pulizija accedew fuq il-post fejn tkelmu mal-vittma u fejn il-vittma anke ittiehed l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza;

3. Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irrizulta li fil-vicinanzi ta' fejn sehhet is-serqa kien hemm cameras tac-CCTV u ghalhekk dawn gew ezaminati fejn irrizulta li kien hemm tlett persuni involuti li kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-vettura tal-ghamla Volkswagon Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE 008 registrata fuq l-appellant Noel Borg;

4. Permezz ta' informazzjoni anonima gew identifikati ukoll Leanne Chalbi u John Mifsud maghruf bhala Johann.

5. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. L-appellant jaghmel referenza ghal diversi principji legali fosthom il-fatt li l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, li l-kaz irid jigi ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u cioe' *beyond reasonable doubt* filwaqt li l-Prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar provi. L-appellant jaghmel referenza ghal xhieda vica voce tal-vittma u jaghmel sottomissjonijiet dwar inkonsistenzi fid-deposizzjoni tieghu meta kkomparat ma verzjonijiet moghtija mill-vittma, fost sottomissjonijiet ohra.

Din il-Qorti sejra tibda billi in succint taghmel referenza ghal provi mressqa. L-**Ispettur Lydon Zammit** fix-xhieda tieghu tal- 11 ta' Dicembru 2018 xehed li fit- 22 ta' Novembru 2018 il-Pulizija gew infurmati minn certu persuna li identifika ruhu bhala Lamin Jameh permezz ta' telefonata li kien ghadu kif sehhet serqa fuqu u gie anke aggredit minn persuni. Il-Pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun irrikorrew fl-indirizz ta' din il-persuna li kien Triq l-Istalel, il-Marsa fejn iltaqghu mal-allegat vittma u gie kkonfermat li kienet ghadha kif sehhet serqa minn fuq il-post, ir-residenza tieghu kif ukoll hu kellu xi griehi fuqu. Mill-ewwel investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija rrizulta li tlett persuni, zewg irgiel u mara kienu dahlu fir-residenza li huwa garaxx, propjament kienet tintuza stalla fejn bhalissa qed joqghodu madwar sitt minn nies u li jaghmel parti minn blokka ta' garaxxijiet ohra. Kienu dahlu dawn iz-zewg irgiel u mara fejn wara li kien gie aggredit, kienet insterqitlu bagalja li fiha kien hemm madwar erbat'elef ewro (€4000), xi dokumenti u xi hwejjeg ohra. Lil Pulizija hu qalilhom li wara li hareg jigri biex izomm il-bagalja, biex ma jitilqux bil-bagalja, qabad mal-karozza li kienu ser jaharbu minn fuq il-post il-persuni u gie mkaxkar madwar hamsin (50), sittin (60) metru fl-istess triq ghal kantuniera ta' wara. Giet mitluba biex tissejjah ambulanza fuq il-post u gie mittiehed l-isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni, ghal kura. Il-vittma kien joqghod f'din ir-residenza u jahdem ma' xi kumpanija tal-kostruzzjoni. Il-bagalja huma l-affarijiet personali tieghu, kienet fir-residenza. L-Ispettur fix-xhieda tieghu spjega li l-post huwa stalel, kienu jintuzaw l-istalel, jigifieri hemm entrattura u ghandek tlett ikmamar li jintuzaw qishom kmamar tas-sodda, wahda minnhom tintuza qisha kcina. Il-bagalja kienet tinstab f'wahda mill-kmamar tas-sodda fejn

jorqdu, fejn jorqod ukoll l-allegat vittma u fiha kien izomm hu, skond il-vittma, kien izomm il-flus li huma tat-tlett min nies tieghu u ta' tnejn ohra, kif ukoll hwejjeg u xi dokumenti ukoll tal-persuna. Hu flimkien mal-Ispettura Stacy Attard mill-Ghassa tal-Hamrun nizel fuq il-post personalment biex tkompli l-investigazzjoni minn naha taghhom, gie identikat li l-persuna tghix ma' sitt persuni ohra kollha ta' nazzjonalita barranija, gie identifikat li l-vittma kien certu Lamin Jameh imwieled fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) mill-Gambia u li ghandu dokument tal-identita' taljana bin-numru AY7041181. Xehed li gie stabbilit fuq il-post li l-persuni suspettuzi, dawn it-tlett persuni pparkjaw il-karozza faccata tal-entratura ta' din il-blokka ta' garaxxijiet jigifieri quddiem residenza li hemm fuq il-post u kienu marru lejn dan il-garaxx bil-mixi. Ingiebu xi CCTV's ta' din ir-residenza fejn kellhom s-suspett li pparkjaw, inhatret ukoll inkjesta rigward dan il-kaz fejn inhatret mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia, fejn ordna l-inkjesta u hatar biex jassistuh diversi esperti minn naha tieghu. Wara r-rikors li sar, ingiebu c-CCTVs biex jigu analizzati fejn irrizulta mill-ewwel li anke l-Pulizija li raw ic-CCTV fuq il-post qabel anke ma ngabru rrizulta mill-ewwel li l-karozza li kienu biha kienet tal-ghamla Volkswagon Beatle bin-numru ta' registrazzjoni BEE 008, li mill-ewwel stharrig li sar kemm minnu u kemm mill-Pulizija tad-distrett irrizulta li din il-karozza tghajjat lil certu Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 159080 u anke mill-filmati li kienu qeghdin jaraw fuq il-post irrizulta li anke kien wiehed minn dawk it-tlett persuni li gie identifikat, kif ukoll gew identifikati z-zewg persuni l-ohra bhala Leanne Chalbi u John Mifsud.

Dawn gew identifikati mill-pulizija u anke hadulu xi filmati u rahom l-Ispettur u gew identifikati. Fuq il-post kien hemm persuna li baqghat anomima li identifikat, li ghaddiet l-informazzjoni lil Pulizija partikolari li zewg persuni minnhom kienu Leanne Chalbi u John Mifsud. L-Ispettur gharaf it-tlett persuni fl-awla.

Spjega li iktar tard matul il-kors tal-investigazzjoni ircevew l-filmat kollu fejn gie analizzat minn naha tieghu flimkien ma' Pulizija iehor l-ufficju tieghu, fejn dehru ghal habta tas-saghtejn neqsin erbatax il-minuta (1:46) fejn dehret il-vettura BEE 008 tasal fuq il-post, zewg minuti wara tidher il-persuna femminili li wara giet identifikata bhala Leanne Chalbi tohrog mill-karozza u tibqa' ddur fl-area tal-

garaxxijiet. Ghal habta tas-siegha u hamsa u hamsin minuta (1:55) tidher il-karozza titlaq minn fuq il-post izda b'Leanne Chalbi tibqa' barra. Il-karozza tidher anke tipparkja fil-kantuniera tal-istess triq u tidher Leanne Chalbi qed tersaq lejn il-vettura. Ghall-habta tas-saghtejn u disa' minuti (2:09) tidher terga Leanne Chalbi tidhol fil-karozza u l-karozza ssuq minn fuq il-post. Ghal habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta (2:41), l-istess karozza il-BEE 008 tirritorna fl-area u tigi pparkjata ezatt fejn imbaghad gie mkaxkar il-persuna. Noel Borg u John Mifsud fis-saghtejn u tlieta u erbghin minuta (2:43) jidhru johorgu mill-karozza u jsegwu lil Leanne Chalbi ghal gol-entratura tal-garaxxijiet. Peress li CCTV il-footage ma jidhirx il-garaxx ghax qieghed il-gewwa l-garaxx imma tidher kwazi l-entratura. Ghall-habta tas-saghtejn u erbgha u hamsin minuta (2:54) tidher Leanne Chalbi tirritorna lejn il-karozza bil-bagalja li allegatament insterqet minghand il-vittma. Minuta tidher il-vittma gej lejn il-karozza bil-giri u jigi segwit minn Noel Borg u John Mifsud u anke hin minnhom Noel Borg jidher jaqbad lill-vittma u jkaxkru biex johorgu minn gol-karozza. Fis-saghtejn u sitta u hamsin minuta (2:56) jidher li John Mifsud kien qed isuq il-karozza u Noel Borg kien f'tal-passiggier u Leanne Chalbi kienet fuq is-seat ta' wara u jidher il-vittma jigi mkaxkar li kien qed izomm man-naha tal-passiggier ghall-madwar hamsin jew sittin metru  sakemm imbaghad ma taqbdux iktar ic-CCTV footage. L-ghada tkellem mal-vittma gol-isptar Mater Dei fejn kien diga infurmat, informa lill-Ispettur Fabian Fleri li l-Qorti ghadu qed jinzamm sal-gurnata tal-lum, spjegalu li Leanne Chalbi kienet marret hin qabel biex toffrilu xi servizzi sesswali izda hu skond kliemu ma accetttax minhabba r-religjon tieghu, minhabba li hu ta' religjon Musulmana, qallu li ma jistax ikollu x'jaqsam ma' nisa li m'huwiex mizzewweg maghhom ghalhekk irrifjuta u Leanne Chalbi telqet il-barra. Xi hin wara irritornaw Leanne Chalbi dejjem skond id-dikjarazzjoni li tah il-vittma li ghal habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta (2:41) jidher u tah il-hin ezatt ghax kien fuq il-mobile ghalhekk kellu l-call registrata, qallu li rritornaw l-persuna femminili flimkien ma' zewg persuni maskili biex ibieghulu mobile phone. Hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile phone minhabba li hu ghandu, safrattant huma rnexxilhom jidhlu gewwa u z-zewg persuni l-ohra aggredixxewh fil-common area, fil-kamra kif tidhol u Leanne Chalbi marret fil-kamra tas-sodda, qabdet din il-bagalja li kienet ta' kulur blu li kienet mal-art u harget tigri l' barra. Minn naha tieghu hu qallu li baqa jigi aggredit minn naha taghhom. Dak il-hin kien liebes biss

il-boxer shorts ghax kien ghadu kif ha shower minn naha tieghu, anzi rnexxielu jiskappa z-zewg irgiel, '*qalli tlaqt nigri, qalli kif wasalt fil-karozza pruvajt nidhol biex jigbed il-bagalja lura, qalli gew iz-zewg persuni l-irgiel gew jagredixxuni biex jaqlghuni minn gol-karozza, qalli rnexxili ndur mal-karozza u ergajt qbadt mal-karozza qalli u saqu, qalli imbaghad qalli wara ftit metri jien hallejt il-karozza, ma bqajt iggranfat u waqajt.*' Mistoqsi kif kienu jafu b'din il-bagalja qal li staqsieh din il-mistoqsija u li '*hu minn naha tieghu qalli li jien stess qisni urejthom, qalli ghax meta bdew jaghtuni, gejt aggredit,*' Spjega '*qalli jiena qalli qisni tajthom indikazzjoni jiena ghax intfajt fuq il-bagalja biex ma jehduhiliex u ghidt jien nissoponi li indunaw li ghandi xi haga ta' valur fiha.*' Rigward lilu personali spjega '*Rigward lilu, hu qed jghid hemmhekk gieli nizlu nies, hu qed jghid li gieli marru nies ibieghulhom mobile phones, joffrulhom servizzi sesswali, qal jigifieri dawn in-nies hija xi haga ta' kuljum li jmorru hemmekk.*' Hu qal li ma kienx jaf il-persuni.

Xehed li wara gew identifikati Leanne Chalbi u John Mifsud u ntalbu mandati ta' arrest li inhargu. Leanne Chalbi giet arrestata fl- 20 ta' Novembru 2018 mill-Marsa, giet arrestata mill-Pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-drogi. Kellimha l-ghada, dakinhar stess filghodu ghax hi giet arrestata mal-lejl. Hi kkonfermat li ma xtaqietx li tkellem avukat u iffirmat dikjarazzjoni dwar dan. Din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel referenza ghal dak mistqarr mill-ko-akkuzata Leanne Chalbi stante li din ma hijiex ammissibbli fil-konfront tal-appellant. Rigward John Mifsud xehed li gie arrestat fis- 27 ta' Novembru 2018 ukoll matul il-lejl, li ghazel jikkonsulta ma' Avukat qabel l-interrogazzjoni u wiegeb ghal kull mistoqsija. Gie mressaq il-Qorti fit- 28 ta' Novembru, 2018.

Rigward Noel Borg spjega li ma setghux jitresjawh, la lilu u lanqas il-vettura. Dahal alert fl-international stop list minn naha tal-Pulizija fl- 4 ta' Dicembru 2018 u gie ikkuntatjat minn Noel Borg li sar jaf li qed jigi mfittex mill-Pulizija u biex jara x'ser isir minn naha tieghu. Infurmah li bhala Pulizija kienu qeghdin ifittxuh u li kellhom wkoll mandat ta' arrest fil-konfront tieghu u ftehmu li jigi d-depot tal-Pulizija flimkien mal-karozza. Ghamel hekk u gie bil-karozza b'kollox, fejn inghata s-solitu twissija u ghazel ukoll li jikkonsulta mal-avukat tieghu Dr Yanika Vidal li kienet ukoll prezenti waqt l-interrogazzjoni. Hu rrifjuta li jirrispondi ghal kull mistoqsija li saret fil-konfront tieghu. Gie mressaq l-ghada fil-5 ta' Dicembru, 2018 quddiem il-

Magistrat Dr. Doreen Clarke u esebixxa l-istqarrija audio viziva bhala LZ NB li ttiehdet lil Noel Borg minnu u minn Stacy Attard.

Huwa esebixxa sentenza ukoll Current Incident Report bhala Dok CIR u anke formalment esebixxa l-vettura BEE 008 tal-ghamla Volkswagon Beetle ta' kulur blu bhala DOK VB u d-dettalji tal-vettura bhala VB 1.

Fil-current incident report li jinsab esebit bhala Dok CIR a fol 23 mehud bil-lingwa Ingliza tnizzel li fit-22 ta' Novembru 2018 l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun gew infurmati mill-GHQ Control Room li gewwa Triq is-Serkin, Marsa kien hemm persuna li kien gie attakat u misruq. Pulizija marru fuq il-post immedjatament u iltaqghu mal-vittma, certu Lamin Jammeh. Is-Sur Jammeh qal li '*he was in his residence which is a garage at Triq is-Serkin, Marsa, when all of a sudden 3 persons, 2 male and one female, entered same garage and attacked him physically and stole from him a suitcase/pouch containing some documents and 4000EURO in cash. Mr. Jammeh explained that he followed these 3 persons as they ran away from the crime scene and same entered a parked vehicle, but he tried to take his things back by force where same attacked him again, but he kept grab of his things as they drove away with him dragging on the street until he let go. Mr. Jammeh suffered injuries on his left leg.*' Il-Pulizija ghamlu kuntatt ma' Mater Dei biex tintbaghat ambulanza fuq il-post ghas-Sur Jammeh, fejn minuti wara l-ambulanza bin-Nurse Stephanie Muscat 4593 waslet fuq il-post u hadet lis-Sur Jammeh l-isptar Mater Dei. Il-Pulizija fuq is-sit innutaw CCTV cameras fuq il-post tal-incident u kellmu lis-sid tal-cameras u cioe' lil certu Martin Grech fejn dawn ic-CCTV cameras kienu ccekjati u l-vettura uzata mis-suspettati giet identifikata bhala VW Beetle bil-kulur blu car bin-numru ta' registrazzjoni BEE008. Pulizija gew avvicinati minn persuna li xtaq jibqa anonimu li qal li wiehed mis-suspettati li kien id-driver kien certu John Mifsud maghruf bhala Johann Mifsud bin-numru tal-karta tal-identita' 140675M. L-Ispettur S. Attard kienet infurmata li infurmat ukoll lis-Spettur tac-CID L. Zammit u l-Magistrat tal-Ghassa Dr Ian Farrugia fejn minn naha tieghu ghamel inkjesta magisterjali u appunta bhala esperti tal-Qorti lil Dr. Mario Scerri u Keith Cutajar. PS 586 u WPC293 tas-SOCO irraportaw fuq is-sit.

B'ordni tal-Ispettur S. Attard, PC 321 thalla fixed point ma' Lamin Jammeh ghas-sigurta' tieghu. Tnizzel ukoll li '*Mr. Lamin was admitted from Mater Dei Hospital by order of Dr. R. Shamaki which he certified Mr Lamin is suffering from slight injuries. Mr Lamin was spoken by Pc 321 and Ps 827 to report at GHQ Floriana CID to be spoken by Insp S. Attard and Insp L. Zammit at 09:00hrs.*' Tnizzel ukoll li '*PC 47 of second watch, Pc1469 of night watch were duty fixpoint with Lamin Jammeh for his safety.*'

Skont dokument Dok VB1 a fol 27 et sequitur il-vettura tal-marka Volkswagen beetle TDI ta' kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni BEE008 kienet tghajjat lil Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 0159080M u dan mis- 6 ta' Novembru, ,2018.

**Dr. Lennox Vella** xehed fis-seduta tal- 21 ta' Jannar, 2019 fejn esebixxa it-traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' Noel Borg bhala Dok LV. L-imputat Noel Borg fl-istqarrija rilaxxata fl- 4 ta' Dicembru 2018 ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmulha lilu hlief ghal mistoqsijiet dwar id-dettalji personali tieghu.

Il-vittma li fit-traskrizzjoni huwa indikat bhala **Lamin Jammih** xehed bil-lingwa Ingliza fil- 21 ta' Jannar 2019. Spjega li '*The day I close from work, I came into our garage, we call it garage, so I went there, I went to the bathroom, I came to come and take the bath so I went inside to take the bath so I came from the bathroom, then I come and knock on the door these three people. I say who are you?*' Spjega li '*They knock the door and at that time I had only my boxer and a towel. I wasnt even wearing my clothes, I didnt even pray, they knock the door, I opened the door for them*'. Huwa identifika li ra t-tlett imputati. Spjega '*I asked them what do you want? They tell me that .... and I said I am sorry I dont have money, can you go please, let me close my door.* ' Jghid li kien il-persuna tan-nofs li l-Qorti identifikat bhala Noel Borg li qallu dwar il-mobile phone, l-iehor kien qieghed wieqaf hdejn il-garaxx. Spjega li l-persuna femminili kienet gewwa d-dar. Spjega li '*I said I dont need the phone, can you please go out, let me close the door.*' Spjega li '*They refused so I said if you dont go out I will call the Police and this one in the middle he started to fight me.*' Jghid li '*he punched me look at my teeth.*' Il-Qorti qalet '*the Court can atest that the his front right tooth is slightly displaced and the gums are also swollen.*' Jghid li qatt ma ra dawn il-persuni f'hajtu. Ma jafx kif jafuh, jghid li gieli jigu nies hemm. Jghid li wara x-xoghol imur id-dar u ma johrogx.

Spjega li '*they started fighting me and pushed me inside my house.*' Jghid li '*they broke the stand fan, when the Police came they saw everything*' U li wara hadulu l-bagalja '*The money is inside, my documents, my clothes, everything is inside that luggage.*' Ikkonferma li ried jiprotegi l-affarijiet tieghu u mar hdejn il-bagalja u beda jistenna lil xi hadd jghinu izda hadd ma gie u ghalhekk hadulu l-bagalja minn idejh u cioe' Noel Borg u wara nghatat lil mara u cioe' lil Chalbi u l-mara griet bil-bagalja. Spjega li '*I managed to escape from the house, I followed the woman inside the car*'. Kjarifika li inghata daqqa ta' ponn kemm qabel ma ttiehdet il-bagalja u anke wara li ttiehdet kienu ghadhom qed jiggieldulu. Li kemm Mifsud u anke Borg iggieldulu b'daqqiet ta' ponn. Jghid '*it is painful on my back.*' Ikkonferma li hu gera biex jiprotegi l-bagalja tieghu u grew warajh. Ikkonferma li mar hdejn il-bagalja tieghu u li pogga fuqha. Jiftakar li l-vettura kienet blu cara. Li '*I went inside the car to protect my bag.*' Il-mara kienet fuq wara, wara l-passiggier. Li dahal '*where the back door*' Spjega li '*I tried to take my bag, I was so ... there were two people there looking at me and nobody help me*'. Li l-akkuzati irgiel harguh mill-vettura. Meta harab mid-dar kienu ghadhom warajh, mistoqsi '*But then they came back after you, they went to the car and chased after you*' wiegeb 'They *didnt go immediately, they go slow slow*'. Harguh mill-karozza u spjega li '*They take me back and they fight me even the camera saw it*'. Komplew isawtuh fit-triq. Mar fuq in-naha tal-passiggier '*so I hung by the door*', mistoqsi '*You hung on the handle*' wiegeb '*Yes so they could not go with my bag so somebody can help me*'. Gie verbalizzat '*At this point the witness is pointing to his left hand side hip downwards.*' Spjega li '*The car passed over my leg so then I take my phone and called the police and I dont know the street and had blood coming out and saw a Maltese and gave the telephone to him*'. The Police and ambulance came. Dam l-isptar tlett (3) gimghat. Jghid li d-data tal-incident jahseb li kienet it-22 ta' Novembru 2018 u dan sehh wara t-tlieta kwazi l-erbgha. Dak li gara sehh ghal habta tat-tlieta (3:00) izda ma jiftakarx il-hin ezatt.

Kellu kwazi erbat elef ewro (€4,000) fil-bagalja, il-flus tieghu kienu elf u hames mija (€1500) u kellu ukoll flus ta' shabu. Il-bagalja kienet blu skura. Spjega li l-isptar tawh panadols, li '*In hospital they come to tell me to pay this bill, I said I have no money, they took everything, these people attack me, they took my luggage, everything but everything they are coming there, I dont even get better, I tell them to release me because I dont have that amount of money. The day they released me they told me that I have five thousand something that I have to pay it, if I dont pay it you will not go.*' Jghid li mill-

billing section. Mistoqsi ghadux jiehu medicini wiegeb '*No, because I released myself, they told me that you are going to pay this money and I said that me I am here so everyday it is increasing and I dont have money.*' Xehed li ghadu mugugh, li difficli hafna ghalih biex jitlob.

In kontro-ezami qal li ilu hawn erba' xhur u li jahdem fil-kostruzzjoni. L-elf u hames mija (1,500) tieghu kienu pagi peress li l-imghallem ihallsu kull nhar ta' Gimgha. Dan jismu Vincenzo.

**PC 965 Maverick Camilleri** fis-seduta tal- 21 ta' Jannar 2019 xehed li nhar l- 4 ta' Dicembru 2018 kien diehel qed isuq lejn ic-CID, lejn id-Depot hu u l-Ispettur Zammit u nnota vettura bin-numru ta' registrazzjoni BEE 008 diehel fic-CID yard. Din il-vettura kienet *wanted* u kien hemm *wanted* ukoll Noel Borg li gharaf fl-awla. Dahlu u tkellmu ma' Noel Borg, l-Prosekutur infurmah li kien arrestat. Infurmawh li huwa arrestat, u haduh biex jirregistrawh u tawh id-drittijiet tal-avukat imbaghad tela' biex ikellem lill-Ispettur ghall-istatement, imbaghad nizluh il-lock up. L-ghada skortawh il-Qorti. Huwa ghamel ukoll timeline tal-cameras tat- 22 ta' Novembru 2018 fi Triq l-Istallel il-Marsa. Spjega li fl-ewwel ritratt ghamel aerial photo minn fuq tal-area u mmarka fejn sehh l-incident u minn fejn setghet giet il-vettura li semma, imbaghad fit-tieni ritratt ghamel minn fejn hadu l-cameras, chicken farmhouse, Triq l-Istallel Marsa, imbaghad beda jaghmel ritratti ta' x’hiex innota fil-cameras li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz. Ghamel ir-ritratt u ma genbhom ghamel CCTV. Spjega li din ir-residenza qieghda fejn sehh l-incident, fejn joqghod Lamin Jammah din blokka ta' garaxxijiet, faccata hemm din ir-residenza gewwa Triq l-Istallel il-Marsa u hemm il-camera tindika naha l'fuq u naha l'isfel, in-naha t'isfel turi wkoll Triq il-Gerrejja li hija s-side road li taghti ma' Triq l-Istallel. Ghamel ir-ritratti u ma genbhom spjega x'hemm li huwa CCTV location li hija Triq l-Istallel Marsa, id-data meta sehh l-incident kienet it- 22 ta' Novembru 2018, imbaghad ghamel il-hin tal-footage u r-real time, hemm siegha diskrepanza, kitibha bhala offset u li hemm deskrizzjoni ta' x'hemm fir-ritratti. Jghid li nnota l-vettura BEE008 1:46:15 sekondi li kienet gejja minn Triq il-Gerrejja u dahlet go Triq l-Istallel, it-tieni ritratt hi u tipparkja Triq l-Istallel, it-tielet ritratt jidher li John Mifsud li qed jara gewwa din l-awla, hareg minn gol-vettura u r-raba' ritratt juri li Leanne Chalbi

tohrog mill-vettura. Ir-ritratt ta' wara juri Leanne Chalbi bdiet miexja l-isfel direzzjoni l-isfel lejn Triq il-Gerrejja. Il-hames ritratt turi lil Leanne Chalbi marret f'din it-triq imsemmija u ghamlet diversi minuti u wara ftit minuti tidher il-vettura tinzel l-isfel, tipparkja fil-kantuniera bejn Triq il-Gerrejja u Triq l-Istallel u Leanne Chalbi tiela l-fuq lejn din id-dahla ta' dawn il-garaxxijiet. Wara ftit il-vettura regghet irriversjat fejn kienet jigifieri fi Triq l-Istallel u pparkjat. Imbaghad regghet irriversjat, regghet saqet l'isfel u regghet ipparkjat u wara ftit sekondi regghet ipparkjat in-naha ta' isfel, tigi Leanne Chalbi u titla gol-vettura. Dehret Leanne Chalbi titla' fil-vettura waqt li kienet f'din il-kantuniera, innota ukoll li Leanne Chalbi l-ewwel darba li dehret tiela' l'fuq kienet b'takkuna u hi u tiela fil-vettura, din it-takkuna ma baqghetx tilbisha, kellha zarbun iehor catt milli jidher fil-filmat. Il-vettura umbghad saqet footage time 15.10.45 u regghet giet wara wiehed u tletin (31) minuti qisu bejn wiehed u iehor u 15.41.42 u pparkjat fit-tarf tat-triq fejn bdiet tipparkja qabel, imbaghad hargu it-tlett min nies Noel Borg, Leanne Chalbi u John Mifsud mill-vettura. Leanne Chalbi qabdet miexja l-isfel u huma regghu dahlu fil-vettura, 15.54.49 tidher Leanne Chalbi tigri lejn il-vettura b'xi haga u ggorr xi haga f'idejha u wara qisu bazikamant f'inqas minn minuta jidher il-vittma Lamin Jammah jigri lejn il-vettura. Ritratt ta' wara juri li hareg John Mifsud qghad ma' genb il-vettura u hareg Noel Borg u beda' jikkumbatti ma' Lamin Jammah ghax beda' jipprova jidhol gol-vettura. Mistoqsi jekk dan hemm fil-filmat wiegeb li kollox fil-filmat u mbuttah, jidher jimbuttah Noel Borg, imbaghad dahlu fil-vettura u Lamin Jammah beda' jipprova jidhol fil-vettura u malli beda' jipprova jidhol, ir-ritratt ta' wara juri li saqu bih waqt li kien qieghed imdendel bil-bieba miftuha u hu mdendel u qed isuqu, imbaghad ir-ritratt ta' wara jidher fit-tarf tat-triq, f'dik il-kantuniera li semma ghadu mdendel Lamin Jammah. Dan it-timeline gie esebit bhala Dok MC.

**Profs Raymond Gatt** xehed fit- 13 ta' Frar, 2019 fejn ipprezenta r-rapport tieghu bhala dok RZ. Spjega li kellu l-injury f'Novembru u ezaminah fi Frar. Spjega li l-perjodu huwa zghir wisq biex johrog id-dizabilita izda ser ikollu. Normalment jistenna sitt xhur. Spjega li '*Dan kellu friction burn li kienet size sostanzjali fuq il-koxxa tax-xellug. Hu allega li din saret ghax zamm ma' bieba ta' karozza waqt li kienet qed issuq*

*u kien hemm l-ingurja mat-triq. Issa meta ezaminajtu jien 3 xhur wara ghandu ferita fis-sens a scar, hija scar li hija fonda, sensittiva. Il-gilda m'hiex normali*'.

**Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet fit- 13 ta' Frar, 2019 fejn spjegat li qieghda tixhed rigward vettura BEE 008 li hija Volkswagen Beetle ta' kulur blu rregistrata fuq Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 159080M u ila hekk registrata fuq ismu mis- 6 ta' Novembru ,2018. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata bhala KC.

L-**Ispettur Lydon Zammit** fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019 ipprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr Shamaki Garba numru mediku 5955 li gie mahrug fit-22 ta' Novembru 2018 lil Lamen Jameh. Dan gie esebit bhala LZZ.

**Dr Shamaki Garba** xehed bil-lingwa Ingliza fit-13 ta' Frar 2019 fejn gie muri certifikat mediku u kkonferma l-firma tieghu u l-kontenut. Spjega li l-pazjent kien migjub l-emergenza jahseb li fit- 22 ta' Novembru tas-sena l-ohra, li '*he had claimed he have had an issue with some of his housemate. He claimed to have been dragged on the floor. He sustained some frictional injury . . . . . left elbow, the lateral side of his left thigh, his knee as well as the front of his leg. And I remember he claimed to have also been hit on the teeth but there was no visible injury*'.

**Ansumana Drammeh** xehed bil-lingwa Ingliza fit- 13 ta' Frar, 2019 li f'Novembru kien jghix Malta il-Marsa ma' Lamin fl-istess dar. Jghid li kien barra u cempillu Lamin li kellu l-incident, li '*I went out and Lamin called me with my telephone and he tell me that I have a problem. I say what kind of problem, he says somebody attack me in the house and that they wound me seriously*'. Li qallu li ahjar icempel ambulanza u li Lamin qallu li ghandu habib li se jcempel ambulanza u qallu wkoll icempel lil Pulizija u qallu li l-Pulizija qeghdin fi triqthom u li haduh l-isptar. Li haduh l-isptar fejn kien Lamin. Li ha ritratti tad-dar. Lamin qallu li kien hemm zewg irgiel u mara li attakawh fid-dar tieghu. Kien imur jarah darbtejn, tlieta jew erba' fil-gimgha. Wara telaq lejn l-Italja. Jghid li kien tah erba' mitt ewro (€400) biex izommomlu. Jghid li kienet bagalja kbira. Ikkonferma li zamm il-flus fil-bagalja li tah. Huwa kellu c-cavetta tad-dar. Spjega li '*when we are coming from the hospital I find the Police*

*there and they ask me can you explain the place where this accident happen. I tell him yeah I can explain. But that time I don't know Marsa too much . . . . and they told me can you explain the house. I say yes I can explain the house. So I tell them anyway I have the picture in my mobile, I can show you how where it's happen. They told me ok. So they saw the pictures and the picture I take. They tell me can we take you back there and we saw it for ourselves. I say ok no problem. I take them'.*

**Ansumana Drammeh** riprodott fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliza u pprezenta ritratti li huwa ha bil-mobile phone tieghu bhala AD konsistenti f'sitt ritratti. Ritratti 1 u 2 huma fejn hemm is-sodda ta' Lamin filwaqt li ikkonferma li fir-ritratti 3 u 4 is-sodda ta' Lamin m'hijiex dik bic-checked bedspread izda ikkonferma li '*the white the transparent*'. Spjega li l-post vojt huwa fejn kien hemm il-bagalja ta' Lamin u cioe' fejn il-Qorti immarkat bl-ittra X. Iz-zraben sabuhom hemm, ma huma ta' hadd li jghix hemm.

**Deandra Zerafa** fis-seduta tal- 20 ta' Marzu 2019[14] esebiet process verbal bin-numru 155/19 bhala Dok DZ. F'dan il-proces verbal fl-atti tal-inkjesta jirrizulta li fl- 10 ta' Dicembru 2018 xehed **Keith Cutajar** quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn xehed li b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tat-22 ta' Novembru 2018 gie nominat bhala espert tekniku. Huwa prezenta r-relazzjoni bhala Dok. KC.

L-**Ispettur Stacy Attard** xehdet fl- 20 ta' Marzu 2019[15] li fit-22 ta' 2018 ghal habta tal-5:15 ta' filghaxija giet infurmata minn PS 593 li aktar kmieni ghal habta tat-tlieta' ta' wara nofsinhar kien gie aggredit persuna maskili gewwa Triq it-Tigrija Marsa fir-residenza tieghu. Li irrizulta li l-vittma kien certu Lamin Jamah ta' nazzjonalita' mill-Gambia. Qal li kien fil-garaxx tieghu wara li gie mix-xoghol fejn persuni mhux maghrufa kienu habtulu fuq il-bieb tal-garaxx tieghu u qalulu sabiex ibieghulu xi mobiles fejn hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile u huma aggredewh u serqulu bagalja ta' lewn celesti li kienet fl-ewwel kamra fuq il-lemin. Huwa qal li fl-istess bagalja kellu xi dokumenti u xi flus kontanti li jammontaw ghal madwar erbat elef ewro (€4000). Qal li kien f'dak il-punt li hareg jigri warajhom sabiex

---

[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

izommhom milli jisirqulu din il-bagalja fejn huma saqu b'kollox waqt li kien ghadu qed izomm mal-karozza u kaxkruh ghal madwar 60 metru. Kawza ta' dan, ikkagunawlu griehi f'siequ x-xellugija u kellu jittiehed l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza. F'dak il-punt hi infurmat lil kollegi taghha tas-CID, l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Fabian Fleri u informat ukoll lil Magistrat tal-Ghassa Dr Ian Farrugia fejn minn naha tieghu fetah inkjesta u hatar diversi esperti fosthom lil Dr. Mario Scerri, Keith Cutajar, Dr Marisa Cassar u wkoll membri tas-SOCO.

Xehdet li wara li marret fuq il-post tal-incident, marret ukoll l-isptar Mater Dei sabiex tkun tista' tisma l-verzjoni tal-vittma fejn Lamin Jamah sostna li qatt ma ra lit-tlett aggressuri u ghaldaqstant ma kienx jafhom. Meta mistoqsi jaghti deskrizzjoni tal-aggressuri, huwa qal li l-persuna femminili kienet liebsa libsa sewda u zarbun tat-takkuna. Meta mistoqsi jekk il-flus kienux kollha tieghu, huwa qal li kellu biss parti minnhom u l-bqija tal-flus kienu ta' Lamin Kasama u Osman Dramih. Il-vittma gie ccertifikat li qed isofri minn griehi ta' natura hafifa minn Dr. Shamin u gie rrilaxxat dakinhar stess u inghata appuntament ghat- 23 ta' Novembru 2018 sabiex jerga jmur lura l-isptar Mater Dei. Fit- 23 ta' Novembru 2018 hi flimkien mal-kollega taghha gew infurmat li Lamin Jamah gie mizmum l-isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni. Wara aktar osservazzjonijiet tal-footages irrizulta li fil-hin tal-incident tidher vettura tal-ghamla Volskwagon Beatle ta' lewn celesti bin-numru tar-registrazzjoni BEE 008 li skond is-sistema taghhom din hija rregistrata fuq certu Noel Borg. Fic-CCTV jidhru wkoll zewg persuni maskili kif ukoll persuna femminili. Minn sors anominu gew infurmati li l-persuna li kienet qieghda ssuq il-karozza fil-hin tal-incident kien John Mifsud maghruf ukoll bhala Johann u kien fil-kumpanija ta' certu Leanne Chalbi. Li kien f'dak il-mument li ghamlu lill-imsemmija persuni u ritratt tal-vettura fuq il-wanted list fis-sistema tal-Pulizija. Minn hemmhekk bdew tfittxijiet wara li nhareg ukoll mandat ta' arrest u tfittxija mill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Ian Farrugia. Fis- 27 ta' Novembru 2018 gew infurmati mill-Ispettur Lydon Zammit li John Mifsud u kif ukoll Leanne Chalbi kienu jinsabu arrestati wara li nghataw dritt tal-avukat u d-dritt tas-silenzju fost drittijiet ohra. John Mifsud ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu Dr Carm Mifsud Bonnici u ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija fl-istqarrija tieghu. Leanne Chalbi ghazlet li ma tikkomunika mal-ebda avukat. Stante li dak

mistqarr mill-ko-imputati Chalbi u Mifsud m'huwiex ammissibbli fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija taghhom.

Xehdet li hargu l-akkuzi u tressqu b'arrest quddiem il-Qorti fit- 28 ta' Novembru 2018. Ftit granet wara Noel Borg gie minn jeddu ghand il-Pulizija fejn wara li nghata s-soliti twissijiet ghazel li jkollu prezenti lill-Avukat Dr. Yanika Vidal ghall-istqarrija. Kienet prezenti ghall-istqarrija li ttiehdet ukoll mill-Ispettur Lydon Zammit, inhargu l-akkuzi u tressaq b'arrest quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Doreen Clarke nhar il- 5 ta' Dicembru, 2018.

**Stephanie Muscat** fix-xhieda taghha tal-20 ta' Marzu 2019[16] xehdet li hi nurse u tahdem l-emergenza. L-incident ma ratux izda milli rat mit-Triage, il-post kien il-Marsa u kellha pazjent kellu selha fuq saqajh. Kien ragel ghadu zghir ta' nazzjonalita barranija.

**PS 593 Raphael Attard Flores** xehed fl- 20 ta' Marzu 2019[17] fejn spjega li dakinhar fit- 22 ta' Novembru 2018 ghal habta tal-erbgha gew infurmati mill-control room fi Triq is-Serkin, il-Marsa kien hemm persuna li giet aggredita u giet misruqa. Hu flimkien mal-kollegi tieghu marru fuq il-post fejn sabu l-vittma certu Lamin Jamah fejn qalilhom li fejn kien jghix hu go garaxx li jinsab Triq is-Serkin stess, meta f'daqqa wahda tlieta min-nies dahlu fuqu, zewg irgiel u mara attakkawh fizikament u serqulu bhal bagalja li kellu dokumenti u kellu erbat elef ewro (€4000) cash. Il-vittma spjegat wkoll li huwa wara gera warajhom dawn it-tlieta min nies. Dawn dahlu go karozza pparkjata u rega' kien hemm kommozjoni fizika bejniethom u pprova jahtaf il-basket pero' dawn saqu u baqa' jitkaxxkar tul it-triq sakemm fl-ahhar mill-ahhar kellu jitlaq il-basket u minhabba f'hekk sofra griehi f'saqajh ix-xellugija. Infurmaw lil Mater Dei biex tingieb ambulanza fuq il-post biex jigi assistit u ttiehed l-isptar fl-ahhar mill-ahhar. Meta marru fuq il-post innutaw wkoll li kien hemm CCTV cameras fejn huma ccekjawhom u mill-filmat deher il-vettura involuta kienet Volskwagen Beetle bir-registration number BEE 008. Dahltilhom wkoll

[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

informazzjoni li wiehed mis-suspettati huwa certu wiehed John Mifsud maghruf bhala Johann Mifsud. Huwa informa lill-Ispettura bil-kaz li minn naha taghha infurmat lis-Sur Lydon Zammit li wkoll gie fuq il-post. Huwa kkonferma li r-rapport li ghamel referenza ghalih huwa l-istess wiehed a fol 23 u kkonfermah bil-gurament.

**PC 270 Sean Borg** fis-seduta tal- 20 ta' Marzu 2019[18] xehed li fit- 22 ta' Novembru 2018, kien dettaljat l-Ghassa tal-Marsa u ghal habta tal-erbgha ircevew telefonata mill-control room tal-Pulizija li kien hemm persuna li giet misruqa fi Triq is-Serkin gewwa l-Marsa. Hu u PC 270 u s-Surgent PS 593 u PC 508 marru fuq il-post fi Triq is-Serkin, fejn kif waslu sabu persuna ragel fejn kellu griehi fuq saqajh ix-xellugija fejn dak il-hin qalilhom li kien ghadu kemm gie misruq minn tlett persuni, zewgt irgiel u mara, mar jipprova jwaqqafhom ghax kienu ha jaharbu b'karozza minn fuq il-post u kaxxkruh ghat-tul tat-triq. Dak il-hin gie moghti ordni mis-Surgent 593 sabiex jibqa' fixed point mal-garaxx minn fejn sehhet is-serqa sakemm gew il-Pulizija tal-Forensika.

**PC 508 Aidan Gatt** fil-verbal tas-seduta indikat bhala 'PC508 Adon Gatt' xehed fis-seduta tal- 20 ta' Marzu 2019[19] fejn spjega li kien stazzjonat gewwa l-Hamrun dahlet telefonata fit-22 ta' Novembru 2018 kien second watch. Il-hin kien ghal habta tal-erbgha. Meta waslu fuq il-post sabu l-imsemmi vittma Jamel Lamin li qalilhom li kellu certu injuries ma' saqajh il-ghaliex serquh, dak il-hin kien kommoss hafna u huma minnufih bdew jitkellmu mieghu u urihom fejn gara l-incident. Hadhom fil-kamra tieghu u uriehom it-taqlib. Dak il-hin kien ukoll imwegga, ma tantx beda jitkellem u cemplu l-ambulanza biex ttiehdu minn fuq il-post, ftit wara qalilhom wkoll li waqt li kien qieghed hemmhekk serqulu certu flus u xi dokumenti wkoll li kellu u wara tawh titwila barra ukoll biex jaraw jekk hemmx xi cameras jew hekk u kien hemm fir-residenza ta' faccata. Il-flus qalilhom li kienu go pouch fil-kamra tieghu, xehed li '*Pouch, basket zghir semma*''. Il-griehi ma qalilhomx minn x'hiex garrabhom izda mill-filmat raw li tkaxkar ma' karozza. Mill-filmat ra persuna ta' karnaggon skur tissielet ma' persuna ghax riedet taghlaq il-bieba u waqt li beda'

[18] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019
[19] It-traskrizzjoni tax-xhieda tindika d-data tal-21 ta' Marzu 2019

jikkonfrontahom din il-persuna kienet ser taghlaq il-bieba u l-vettura qabdet issuq, kissret fuq in-naha tal-lemin u din il-persuna qabdet maqbuda maghhom li tkaxkret minn hemmhekk. Il-vettura kienet Volkswagon ghax kellha ghamla tonda Beetle ta' kulur car. Gie muri Dok DZ u l-istills, parti mir-relazzjoni ta' Keith Cutajar fil-process verbal u kkonferma li dak li qed jara huwa dak li ra mic-CCTV, li l-istess vettura.

**PS 586 Mario Azzopardi** u **WPS Michelle Camilleri** xehdu fid- 29 ta' April 2019 fejn ipprezentaw ir-rapport konguntiv taghhom. Dan jinsab a fol 205 u huwa mmarkat bhala Dok AA.

L-**Ispettur Fabian Fleri** xehed fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2019 li fit-22 ta' Novembru, 2018 certu 'Lamin Lameh' kien informa lil Pulizija permezz ta' telefonata illi kien ghadu kif safa' vittma ta' serq fejn huwa kien jghix go qisha remissa fejn kienu dahlu xi nies fuqu, kienu sawtuh, hadulu bagalja li kien fiha xi flus. Dawn meta telqu, hu hareg jigri warajhom, huma rikbu f'vettura u prova jzomm lil wiehed minnhom milli jidhol f'vettura, il-persuna li kienet qed isuq saq, bil-konsegwenza li hu tkaxkar ghal diversi metri ma' din il-vettura u filfatt wara rrizulta li sofra griehi ta' natura gravi f'genbu u saqajh. Sussegwentement, wara li dahal dan ir-rapport kienu marru fuq il-post u minn investigazzjoni li ghamlu rrizulta li fil-vicinanzi kien hemm CCTV camera u minn din ic-CCTV camera kienet taghti ezatt ghal fejn il-vettura li l-persuni kienu, ghamlu wettqu dan ir-reat u kienu waqfu biha hemmhekk u giet ipparkjata hemmhekk, fil-fatt dawn ic-CCTV kienu cari hafna, tajbin hafna, il-vettura dehret li kienet Volkswagon Beetle mill-modern b'kulur celesti u n-numru ta' registrazzjoni kien BEE 008 u kienu dehru persuna femminili u zewg persuni maskili. L-ewwel marret il-persuna femminili imbaghad warajha marru l-persuni maskili u nqabad ukoll fuq il-camera it-tieni parti meta dawn gew jigru u dahlu fil-karozza u fil-fatt gie jigri l-vittma warajhom u inqabad ukoll fil-filmat qieghed jitkaxkar mill-karozza ghal diversi metri. Irrizulta wkoll li l-vettura BEE 008 kienet tghajjat lil Noel Borg li minn ritratt li kellhom kien jintgharaf bhala l-persuna li rikeb passiggier fil-vettura wara li dawn telqu minn fuq il-post u kien fuq in-naha tieghu illi l-vittma inqabad mill-karozza. Irrizulta wkoll li l-persuna femminili wara li sehhet is-serqa kienet rikbet fis-seat ta' wara u dan jidher evidenti

ghax il-karozza kienet three door u tidher qieghda tidhol wara s-seat ta' quddiem u l-persuna li kien qed isuq huwa persuna li kien kompletament fartas u jintgharaf li huwa John Mifsud. Dawn it-tlett persuni, is-Sur John Mifsud, Leanne Chalbi u Noel Borg gharafhom it-tlieta li huma fl-awla. Ghal bidu ma setghetx tigi rintraccata il-vettura. Kienet saret inkjesta magisterjali immexxija mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia fejn hatar diveri esperti, lil SOCO, Keith Cutajar fuq CCTVs, Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar. Kien intalab ukoll mandat ta' arrest fil-konfront tat-tlett persuni u sussegwentement Leanne Chalbi kienet arrestata fis-27 ta' Novembru 2018 gewwa l-Marsa. Din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija taghha stante li hija inammissibbli fil-konfront tal-appellant bhala ko-imputat. Gie arrestat John Mifsud u dawn tressqu fit-28 ta' Novembru.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2019 fejn spjegat li ghamlet swabs miz-zarbun u hareg profil genetiku imhallat miz-zarbun fejn wiehed mill-kontributuri huwa ragel. Hareg profil tajjeb li jista' jkun ma johrogx statistikament konklussiv peress li hija tahlita ta' tlett persuni. Ir-rapport huwa esebit bhala Dok MC.

L**-Ispettur Lydon Zammit** fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2019 esebixxa sentenza moghtija fil-konfront ta' Noel Borg fis-7 ta' Lulju 2017 bhala LCZZ.

**Dr Mario Scerri** xehed fil- 15 ta' Lulju 2019 li esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MS. Dan kien fl-atti tal-inkjesta dwar allegat hold up fuq 'Yameh Lamin' nhar it- 22 ta' Novembru 2018. Allega li kien aggredit minn zewgt irgiel u mara. Gie mkaxkar, ittiehed l-isptar Mater Dei. Kellu friction burns, partial thickness burns estensivi fuq l-estremitajiet inferjuri u inzamm l-isptar fil-Plastics Department sal-14 ta' Dicembru. Dawn il-lezjonijiet kienu kompatibbli ma tkarkir u huma ta' natura gravi per durata. In kontro-ezami spjega li klassifika l-griehi hekk ghax hadu zmien, tul ta' zmien biex jigu mfejqin. Jghid li mhux se jhallu effetti permanenti. Scarring u hekk se jhallu dawn. Huwa rah darbtejn, dik il-gurnata u xi jumejn wara. Ma regghax rah wara. Jghid li se jibqghu vizibbli zgur pero' fuq l-estremita' inferjuri. Kellu brush abrasions, friction burns kellu. *Partial thickness.* Ma kienux jinvolvu l-*muscle* jew *carbonisation* jew ghadam jew hekk. *Partial thickness.*

**Martin Grech** xehed fil-15 ta' Lulju, 2019 fejn spjega li gew il-pulizija u raw il-cameras. Raw il-video. Gie muri sett ta' ritratti a fol 141 u kkonferma li huwa fejn joqghod hu. Li hija l-vizwali li jara mill-camera tieghu. Huwa ghadda filmati ghax talbuhomlu.

L-**Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina** xehdet fit-8 ta' Gunju 2020 fejn prezentat social inquiry report immarkat bhala Dok SB. Xehdet li minhabba l-mixja tal-COVID 19 ma setghetx issir zjara gewwa r-residenza tieghu. Kelmet lil mara tieghu fejn mill-intervista toffrilu hafna support u ghandu familja maghquda. Fl-aspett ta' droga Noel beda jabbuza mid-droga minn meta kellu l-eta' ta' ghaxar (10) snin. Ta' sbatax (17)-il sena kien ghamel programm li kien spicca b'success u kien ghamel hmistax (15)-il sena clean fejn kien ukoll jahdem fi hdan il-Caritas. Noel kien rega waqgha fil-problema ta' droga meta mietet ommu li tidher li kienet halliet impatt kbir fuqu u kien waqaf juza d-droga meta kien arrestat fuq il-kaz odjern. Meta kien arrestat dwar il-kaz odjern, huwa kien ha d-decizjoni li ma juzax iktar droga u fil-fatt sar kuntratt mas-Sedqa fejn hu qed jircievi l-ghajnuna minn naha taghhom. Minn naha ta' kuntatti mill-professjonisti ohra f'dan l-aspett kollha kellhom kliem pozittiv rigward Noel. Saru ukoll testijiet tal-urina gewwa d-dipartiment tal-probation and parole fil-25 ta' Frar u d-9 ta' Marzu fejn kollha rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Noel kien jinsab disokkupat minhabba l-imxija fejn kien qed jahdem kienu waqfuh, pero ghadu kif kellimha li ha jibda xoghol ghal rasu jghaddi xi kanen. Mill-informazzjoni migbura jidher li ghandu bzonn ghajnuna psikologika minhabba t-trobbija tieghu peress li hu kien trabba minghajr missier, u ommu dejjem kienet tbati minn depression allura kienet naqra terbulanti t-tfulija tieghu. Huwa ghamel kuntatt mas-Sedqa minhabba l-problema ta' droga u ghadu f'kuntatt. It-testijiet ta' urina ma baqghux isiru minhabba l-imxija. L-ahhar li haditlu fl-ahhar ta' Marzu. Ikun hemm kuntatt ma psikologu biex jittekilja l-problemi minn dawk l-affarijiet li ghadda.

L-**Ispettur Lydon Zammit** xehed in kontro-ezami fit- 18 ta' Gunju 2020 fejn dwar ir-ritratti u l-filmati esebiti ikkonferma li meta l-ewwel darba li l-vettura dehret il-Marsa ghax kien hemm darbtejn fejn il-vettura tidhol il-Marsa, kien hemm trapass

ta' xi ghoxrin minuta. L-ewwel darba li tidher, jidhirlu li Noel Borg ma johrogx mill-vettura. Ma setghux jiddeterminaw f'dak il-hin fejn kien Noel Borg. Ma jistax jikkonferma jekk Noel Borg kienx rieqed fuq wara tal-vettura. Il-bagalja baqghet ma nstabitx.

L-**imputat Noel Borg** ghazel li jixhed fis-seduta tat- 18 ta' Gunju 2020 fejn spjega li lil John Mifsud ilu jafu snin, kien iltaqa mieghu kien qed jaghmel programm xi 1999,98. Dakinhar li Johann Mifsud jew John Mifsud kien qieghed isuq il-vettura, il-vettura hija tal-imputat. Jghid li kien ghaddej minn mumenti difficli ghax kien qed jabbuza minn sustanzi tad-droga u b'xi mod iltaqghu. Mar biex juza u iltaqghu, jahseb xi hin bil-lejl. Ma ghandux amment fejn ghax kien ikun f'hafna postijiet. Jahseb li kien go xi post u gie Johann u iltaqghu hemm. Leanne Chalbi ma jafx kif spiccat ghax hu ma John Mifsud kien u kien qed jorqod u jqum. John Mifsud kien qieghed isuq il-vettura tal-imputat ghax ma kienx f'sitwazzjoni li jsuq. Filghodu beda jorqod. Jiftakar li kien hemm xi jiem minnhom marru fejn id-dar tal-imputat filghodu. Qabel l-incident. Filghodu marru fejn id-dar tieghu kienu pparkjati hemm, ried jitla t-targa, ghal xi raguni ma telghax ghax ma kienx jiflah jitla, jahseb harget il-mara tieghu u regghet dahlet jew giet tghidlu xi haga ma jiftakarx ezatt ghax dak il-hin kien qieghed rieqed. Jghid li spiccajna l-Marsa ghax imbaghad ma jafx kif spiccaw gol-karozza Leanne, jaf li spiccaw il-Marsa u beda jqum jigifieri bejn wiehed u iehor jaf x'gara u ma garax. L-ewwel darba li marru l-Marsa kien rieqed. John hadu d-dar tieghu, hu kien qed isuq u harget il-mara u ratu jsuq. Ma jafx kif spiccaw il-Marsa. Jghid li Leanne riedet iggib xi flus qalet u b'hekk spiccaw il-Marsa. Jahseb li marru jixtru xi sustanzi tad-droga wara l-ewwel darba u regghu spiccaw il-Marsa t-tieni darba ghax Leanne qalet li nesiet xi mobile, riedet tmur iggibu u bdew jistennew gol-karozza. L-ewwel li marru Leanne qaltilhom li trid iggib xi flus izda ma qalitx minghand min. Jiftakar li marret, dahlet fil-garaxxijiet, kien qed iqum u jorqod. Gabet xi ghoxrin ewro jahseb. Spiccaw il-Marsa ghax qalet li nesiet il-mobile u riedet tmur iggibu, regghet marret go dik id-dahla. Regghet dahlet gol-istess dahla u bdew jistennewha hu u Johann fil-karozza. Beda jhoss li damet naqra u li f'hin minnhom jaf zgur li ghajtitilhom daqxejn panikuza u marru jaraw x'gara. Spjega li *'kif morna u dahlet gewwa, go dan il-garaxx u dhalna ghidna x'gara, qaltilna ma jridx jaghtini l-mobile, ried jabbuzani, ried jigi mieghi u ghidnilu*

*x'gara, give her the mobile lil Jamil'*. Spjega '*Ghidtlu give her the mobile, ghidtlu why you don't want to give her the mobile? Ghax jien nghidlek il-verita' ridt nitlaq lil hemm, ma ridtx noqghod hemm u f'daqqa wahda beda' jghajjat Police, I call the Police, ghidtlu for what the Police? U Leanne f'daqqa wahda qabdet il-bagalja u telqet tigri biha ghal gol-karozza, hu Jamil telaq jiigri warajha, dahlet minn naha nahseb tax-xufier.*' Jamil fetah min-naha tax-xufier.

Xehed li '*Hu dahal ghaliha gol-karozza Jamil u hi bdiet tghajjat, hi bdiet tghajjat. Ahna jien u Johann morna fejn il-karozza fuq in-naha tax-xufier. Jien lil Jamil qbadtu u nehhejtu minn maghha ghax hi bdiet tghajjat u twerzaq Leanne. Nehhejtu minn gol-karozza, kif ezatt nehhejtu minn gol-karozza, Johann tela' fuq in-naha tax-xufier u ghalaq il-bieba u l-Jamil beda jghajjat u kien hemm tan-Nazzjonalita' tieghu, tal-kulur tieghu u jien kif dort hekk minn naha l-ohra ghax Johann startja l-karozza, dort biex nitla' fuq in-naha tal-passiggier, l-Jamil lili qabadni hekk u kien ser izarrattli, mhux izarrattli, zarattli l-qmis u jien imbuttajtu. Jien tlajt gol-karozza u Johann rikeb gol-karozza u Johann saq u Jamil lahaq qabad mal-kument, mal-pilastru u lili ma taniex cans naghlaq il-bieba u jiena filfatt il-bieba ma ghalaqtiex ghax rajtlu idejh u l-iehor qabad isuq. Issa jien hemmekk ma kelliex kontroll ta' xejn ux*'.

L-imputat ikkonferma li dahal gol-karozza, ma setghax ma jidholx gol-karozza. Il-bagalja, hwejgu kienu fil-karozza. Mistoqsi kif spicca ghand il-Pulizija wiegeb '*Ghax imbaghad wara naf li dan huwa kaz li ser imur ghand il-Pulizija u jien ma kontx qieghed f'sitwazzjoni li immur qisni ghand il-Pulizija peress li kont qieghed ghaddej bir-reabilitation tad-droga, tal-abbuz tad-droga, imbaghad gejt maghruf, jien kont naf li jriduni, gejt maghruf li jriduni, sirt naf li ngabru Johann u Leanne ukoll jiena u ssettjat lili nnifsi mid-droga, cempilt lill-Pulizija u ghidtilhom triduni nigi?*' Minghalih li l-Ispettur Lydon saqsieh jigix hu jew imorru huma u qallu li jigi hu u jgiblu l-karozza u mar bil-karozza id-depot.

Mistoqsi kif spicca fil-problema, wiegeb li ommu kienet tbati bid-depression, kien tifel wahdu, li missieru telaq meta kellu sena u nofs mar l-Awstralja, sakem kellu xi tlettax (13)-il sena qatt ma ltaqgha mieghu, qatt ma kellu kuntatti. Dejjem jaraha tibki, spicca jaghmilha ma kumpanija hazin meta kellu xi tlettax-il sena. Qabad il-

vizzju tad-droga, jiftakar li ghamel programm fin-1999 gradwa, wara 4 jew 5 dahal jahdem mal-Caritas u ghamel 11-il sena jahdem maghhom u jghinhom, fl-istess hin kellu business ukoll, kien ibiegh id-detergent iqassam ir-restaurants ma' Malta kollha u jdoqq il-kitarra fil-bars, kien jivvinta muzika. Mietet ommu b'hasda hekk, kienet cemplitlu qaltlu li ghandha xi haga tal-flus ha taghtihielu, kienet tiehu hsieb wiehed anzjan go San Pawl il-Bahar u mar jaraha u sabha kwazi mejta fis-sodda u hadha l-isptar. Spjega li fil-program meta kien ghamel il-*goals* tieghu u l-*portfolio*, il-*goals* kollha kienu tajbin pero qatt ma haseb li se tmutlu ommu, mietet ta' 56. Meta mietet qisu ceda l-armi, zelaq mit-track u spicca falla il-business, kellu cabin cruiser, bmw, garaxxijiet, vannijiet, anzi ma bieghx id-dar. Ghandu d-dar bnieha u ghandu l-mara baqghet taghti is-support u iz-zija tghinu ukoll. Missieru jaghtih support minn naha l-ohra ukoll. Mar lura.

Mindu gara l-kaz bla ma ried waqaf mid-droga, rega ha ir-rigni f'idu. Jiddispjacih hafna dan li gralu Jamil. Jaf ismu mill-Qorti. Chalbi ma kinitx issemmih dan, qatt ma kien jafu lil dan ir-ragel. Meta kienu fil-karozza kemm l-ewwel darba, u kemm it-tieni darba, ma sar l-ebda diskors hlief li biex iggib il-mobile u biex iggib l-ghoxrin ewro (€20) l-ewwel darba, biex iggib xi haga tal-flus u gabet ghoxrin ewro (€20).

In kontro-ezami xehed li kien ikun ma' dawn il-group ta' nies u jekk ma jkunx tajjeb isuq haddiehor. Kienet normali li jsuqha haddiehor. Kien ghadu kemm partatha. Hija Volkswagen. Kienu ilhom iduru, jigru biha. Marru Birkirkara zgur ghax marru d-dar tieghu imbaghad jahseb il-Marsa. Ma jiftakarx fejn marru iktar, jista' jkun li kienu l-Marsa f'xi post qeghdin juzaw. Kien qieghed wara jorqod u jqum, ma kienx jaf qisu x'inhu jigri. Kienu l-Marsa ghax kienu qed juzaw il-Marsa. Jahseb li minn Birkirkara marru l-Marsa l-ewwel darba u minn hemmhekk stess ghax huma kienu jmorru go post il-Marsa u jahseb minn hemmhekk marru l-Marsa regghu. Marru bil-karozza. Kienu jabbuzaw mid-droga fejn hemm tal-quality meats, fejn tat-tyers il-Marsa. Ikkonferma li hemm distanza bejn dan il-post u fejn sehhet is-serqa. Jidhirlu li baqa fil-karozza li gabu d-droga u uza d-droga fil-karozza. Jaf li Leanne qalet li ser iggib xi flus u gabet ghoxrin ewro (€20). Ma staqsihiex ghala riedet tigbor dawn il-flus. Il-flus gabithom biex juzawhom flimkien. Leanne qalet

li ser iggib il-flus imma ma kienx jaf ghalxiex ser iggibhom imbaghad uzaw id-droga bihom. Gabet ghoxrin ewro (€20), regghu marru go dan il-post il-Marsa stess. Jghid li ma ghamel l-ebda serqa. Regghu marru ghax qalet li halliet il-mobile ghand xi hadd. Bhala distanza minn fejn ipparkjaw ghal dan il-post qal li d-dopju ta' hawn hekk b'referenza ghall-awla 11. Kien qed jistennew fil-karozza '*jista' jkun li konna qeghdin nistennew fil-karozza lil Leanne biex tigi, jista' jkun ukoll niftakar li damet u nahseb jien jekk miniex sejjer zball hrigt minn gol-karozza jista' jkun biex nara fejnha, biex immorru lil hemm*'. Mistoqsi '*Jekk nghidlek li fil-filmati tidher Leanne Chalbi hierga mill-karozza u inti u Johann Mifsud qeghdin barra mill-karozza, qed nitkellmu fuq it-tieni darba*' wiegeb li jista' jkun ghax dak il-hin Leanne Chalbi kienet ghadha ma gabitux il-mobile u li regghet giet. Jista' jkun li hargu mill-karozza qabel ma Leanne Chalbi marret ghal mobile. Damet gewwa t-tieni darba meta marru. Hi ghajtitilhom. Gie verbalizzat li '*ix-xhud ghamel mossa bl-idejn it-tnejn meta taghmel ejja ejja*'. Ma jafx kemm damet. Qal li qalet li l-mobile hallietu hemmhekk u kienet certa. Qal li hu ma ha l-ebda bagalja. Il-bagalja dahlet fil-karozza tieghu ghax dahlet biha Leanne.

Xehed li '*xhin dahlet hi fil-karozza u Jamil mar warajha u tela' gol-karozza u bdiet tghajjat, jien qlajtu minn maghha bl-ebda vjolenza, qlajtu minn maghha, kif jien qlajtu minn maghha ezatt Johann lili ma tani l-ebda cans, tela' fil-karozza mill-ewwel u startja l-karozza, kif startja l-karozza sadanittant Jamil jghajjat lil tal-kulur tieghu, sewwa kienu qeghdin hemm, jiena ovvjament kif starja l-karozza jien mort nigir nidhol gol-karozza*'. Jghid li qallu biex ma jsuqx. Jghid li kellu l-biza '*ghax peress li beda' jghajjat lil tal-kulur tieghu jien x'ser naghmel? Ha noqghod hemm wahdi mieghu lil dan ir-ragel? X'ser naghmel?*' Jghid li '*qlajtu mill-karozza bhala self defence ghax hu dahal ghal Leanne u Leanne bdiet tghajjat ghax dahal go fiha, x'naghmel? Dak il-hin mhux naqilghu irrid biex ma jsirx*'. Jghid li ma kellux kontroll biex jaghtih il-bagalja. Mistoqsi dwar li dahlu f'dan il-post u li qallu biex jaghtiha il-mobile, spjega li '*beda' jirribella, ma riedx u hi qalet ukoll li ried jabbuzaha filfatt kien bil-boxer shorts*'. Jghid li '*bdejna nirsistu biex jaghtiha l-mobile, bdejna nghidulu give her the mobile, give her the mobile, why you dont want to give her the mobile*'. Jghid li '*Leanne griet bicca hekk qabdet il-bagalja u harget tigri l barra*' Huma dahlu gewwa x'hin ghajtitilhom u dahlet, dahlu warajha. Mistoqsi '*Kien hemm xi kuntatt iehor mieghu? Kien hemm xi hin li ghamilt qabel ma dhalt fil-karozza wara li gbidtu*

*minn mal-karozza'* wiegeb '*Ehe jien mort biex indur biex nidhol fuq in-naha tal-passiggier, kif ha ndur ezatt hu gie jattakani biex jaqbadni minn hawn jew minn hawn filfatt carrattli u jien imbuttajtu lilu biex niddefendi lili nnifsi'*. Qalghu mill-karozza biex jiddefendi lil Leanne u imbuttah ghax attakkah biex jiddefendi lilu nnifsu. Lil imputat attakkah, qabdu hekk u carratlu l-qmis. Xehed li '*Ma setax isibni minn quddiem ghax hu kien qieghed warajja*'. Il-bagalja ma jafx x'sar minnha. Hu halla l-karozza x'imkien tas-Sliema, jghid li dak il-hin tkun qieghed f'hin panikuz. Li wara '*kulhadd jitlaq lil hemm, caio u bye*' Xehed li '*hi qalet ghax hasbet li hemm il-mobile go fiha ghalhekk qalet li haditha l-bagalja*'. Il-bagalja hi fethitha, izda ma rahiex tiftah il-bagalja. Spjega li '*Jien kont qieghed dak il-hin inzomm il-bieba miftuha biex ma tinghalaqx fuq id Jamil dak il-hin issa hi hemmekk kienet diga fethitha l-bagalja hi*'. Jghid li '*Hi qalet ghax habba l-mobile ghax ma riedx jaghtihulha u hi hasbet li qieghed gol-bagalja*'. Jghid '*Qalet, hi qalet li kien gol-bagalja l-mobile, jien ma nistax inkun cert jekk kienx gol-bagalja jew le*'. Ta' Sliema marru x'imkien Rue D'Argens l-Imsida. Waqfu hemmhekk u kulhadd telaq ghal rasu. Ikkonferma li l-karozza telquha ghal riha. Tefa' hemmhekk Johann u hargu l barra. Ic-cwievet tal-karozza hallihom gol-karozza Johann. Halliha hemm. Dak il-hin kien panikuz. Mar ghal karozza xi jumejn jew tlieta wara u l-bagalja ma sabiex hemm. Ma ghamilx kuntatt ma' Leanne Chalbi u John. Qalulu l-hbieb, mhux huma li gew arrestati. Gew migburin ghax gara li Jamil gralu li gralu u li huwa kaz ta' Pulizija. Qalu fuq l-ahbarijiet ukoll. Mar ghal karozza, mar ghamel detox biex jissettja lilu nnifsu fuq is-suboxome biex ikun jista imur ikellem lill-Ispettur. Jghid li ovvjament li ser jigi mfittex mill-Pulizija, mill-ewwel kien jaf li ser jigi mfittex mill-Pulizija. Ghaddew hdax (11)-il gurnata sakemm mar ghand il-Pulizija. Qal li '*il-posizzjoni li kont jien fid-droga ma stajtx, jien kont inpejjep hafna cocaine, sewwa, u nabbuza mill-heroin, fil-posizzjoni li kont ovvjament*'. Mistoqsi jekk jista' jkun li kien hemm qbil, li kienu jafu ghalxiex sejrin hemmhekk wiegeb li le ma kienx jaf.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti temfassiza li kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija**

**(Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[20]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[21]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [22]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[23]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[24]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

L-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[25], inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Id-data ta' din is-sentenza tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[22] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[23] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[24] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[25] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

Illi l-appellant jissottometti li kien hemm inkonsistenzi fid-depozizzjoni tal-parti leza, li konsegwentement dak li xehed ma kellux jinghata daqstant piz stante li skont l-appellant kienet xhieda ghall-ahhar kontrastanti, inverosimili u li ma kellux mis-sewwa. Jissottometti li l-Qorti kellha quddiemha bosta verzjonijiet ta' kif attwalment sar l-allegat serq. Li filwaqt li f'hin minnhom jispjega li kienet Leanne Chalbi li marret ghal bagalja waqt li t-tnejn l-ohra aggredewh fil-*common area,* f'hin iehor jispjega li huwa kien intefa' fuq il-bagalja u ghaldaqstant ma jistax ikun li Leanne Chalbi kemm marret u qabditha mill-art. Li f'verzjoni ohra qal li intefa fuq il-bagalja biex ma jehduhielux u qal li issopona li indunaw li kellu xi haga ta' valur fiha. Filwaqt li meta l-vittma ha l-pedana tax-xhieda rega' biddel il-verzjoni ta' kif ittiehdet il-bagalja. Li fix-xhieda tieghu jezistu l-inkonsistenzi fejn filli jispjega li mar fejn il-bagalja u din giet mehuda u filli li gie aggredit u z-zewg irgiel hadu l-bagalja u tawha lil mara. L-appellant jissottometti li l-vittma ta lil Pulizija kull verzjoni taht il-kappa tax-xemx fejn spjega f'hinijiet differenti li kienet Chalbi li hadet il-bagalja, f'hin minnhom illi kienu l-irgiel u f'hin iehor li kien biss l-appellant Noel Borg. Fid-dawl ta' dan huwa ferm dubjuz il-mod ta' kif din il-bagalja ittiehdet u jekk kienx hemm il-vittma bil-qieghda fuqha f'dak il-mument jew kienx qieghed x'imkien iehor. Dan kollu inghad minhabba l-fatt li Lamin darba minnhom jispjega li huwa pogga fuq il-bagalja biex jipprotegi l-affarijiet ta' valur u filli ddepona li kien qed jigi aggredit. Li dejjem jitkellem fil-plural u fil-maskil b'dana li jaghti x'jifhem li kienu z-zewg irgiel li kienu qeghdin jattakkawh. Jissottometti li meta gie biex jidentifika lil persuna li aggredieh huwa gharaf biss fl-awla lill-appellant Noel Borg. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmilha cara li l-vittma ma identifikax biss lill-appellant bhala l-persuna li aggredieh.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal verzjonijiet moghtija mill-vittma in kwantu kif ittiehdet il-bagalja u dwar l-aggressjoni. L-Ispettur Lydon Zammit fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 xehed li:

*'Jien l-ghada tkellimt mal-vittma gol-isptar Mater Dei li fejn kien diga nfurmat, informa lill-Ispettur Fabian Fleri li l-Qorti ghadu qed jinzamm sal-gurnata tal-lum li hu spjegali li hu Leanne Chalbi kienet marret hin qabel biex toffrilu xi servizzi sesswali izda hu skont kliemu m'accettax minhabba r-religjon tieghu, minhabba li hu ta' religjoni musulmana, qalli jien ma nistax ikolli x'naqsam ma' nisa' li m'huwiex mizzewweg maghhom ghalhekk*

*irrifjuta u Leanne Chalbi telqet il-barra. Xi hin wara irritornaw Leanne Chalbi, dejjem qed nghid id-dikjarazzjoni li tani l-allegat vittma, ghall-habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta u tani l-hin ezatt ghax kien fuq il-mobile ghalhekk kellu l-call registrata, qalli li rritornaw l-persuna femminili flimkien ma' zewg persuni maskili u biex ibieghulu mobile phone. Hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile phone minhabba li hu ghandu, safrattant huma rnexxilhom jidhlu gewwa u z-zewg persuni l-ohra aggredixxewh fil-common area, fil-kamra kif tidhol u* ***Leanne Chalbi marret fil-kamra tas-sodda, qabdet din il-bagalja li kienet ta' kulur blue li kienet mal-art u harget tigri l' barra.*** *Minn naha tieghu hu qalli li bqajt nigi aggredit minn naha taghhom. Dak il-hin kien liebes biss il-boxer shorts ghax kien ghadu kif ha shower minn naha tieghu, anzi irnexxili niskappa z-zewg irgiel, qalli tlaqt nigri qalli kif wasalt fil-karozza pruvajt nidhol biex nigbed il-bagalja lura, qalli gew iz-zewg persuni l-irgiel gew jaggredixxuni biex jaqlghuni minn gol-karozza, qalli rnexxili ndur mal-karozza u ergajt qbadt mal-karozza qalli u saqu, qalli imbaghad qalli wara ftit metri jien hallejt il-karozza, ma bqajt iggranfat u waqajt.'*

Dwar il-bagalja spjega li '*qalli jiena qalli qisni tajthom indikazzjoni jiena ghax intfajt fuq il-bagalja biex ma jehduhiliex u ghidt jien nissoponi li indunaw li ghandi xi haga ta' valur fiha.'*

Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 22 u senjatament a fol 25 tnizzel li '*Divisional Police repaired immediately on site and met with the Victim a certain Lamin Jammeh, Mr. Jammeh stated that he was in his residence which is a garage at Triq is-Serkin, Marsa, when all of a sudden 3 persons, 2 male and one female, entered same garage and attacked him physically and stole from him a suitcase/pouch containing some documents and 4000EURO in cash. Mr. Jammeh explained that he followed these 3 persons as they ran away from the crime scene and same entered a parked vehicle, but he tried to take his things back by force where same attached him again, but he kept grab of his things as they drove away with him dragging on the street until he let go.'*

**Ghalkemm Dr Shamaki Garba** xehed bil-lingwa Ingliza fit- 13 ta' Frar 2019 xehed li '*he had claimed he have had an issue with some of his housemate. He claimed to have been dragged on the floor...*' jirrizulta li l-incident ma kienx ma *housemate* izda ma persuni li dahlu jisirqulu bagalja u fejn sussegwentement tkaxkar waqt li l-vettura kienet qieghda tinstaq.

**Ansumana Drammeh** li xehed bil-lingwa Ingliza fit- 13 ta' Frar, 2019 spjega li Lamin qallu '*somebody attack me in the house and that they wound me seriously*'.

L-**Ispettur Stacey Attard** fix-xhieda taghha tal-21 ta' Marzu 2019 spjegat li '*Huwa qal li kien fil-garaxx tieghu wara li gie mix-xoghol fejn persuni mhux maghrufa kienu habtulu fuq il-bieb tal-garaxx tieghu u qalulu sabiex ibieghulu xi mobiles fejn hu qalilhom li ma ghandux bzonn mobile u* ***huma aggredewh u serqulu bagalja ta' lewn celesti li kienet fl-ewwel kamra fuq il-lemin****. Huwa qal li dawn il-persuni kienu zewg persuni maskili u persuna femminili. Qal ukoll li fl-istess bagalja kellu xi dokumenti u xi flus kontanti li jammontaw ghall-madwar 4000 ewro. Qal li kien f'dak il-punt li hareg jigri warajhom sabiex izommhom milli jisirqulu din il-bagalja fejn huma saqu b'kollox waqt li kien ghadu qed izomm mal-karozza u kaxxkruh ghal madwar 60 metru....*'

**PS 593 Raphael Attard Flores** fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 xehed li dak in-nhar kien mar fuq il-post u sab il-vittma '*fejn dan qalilna li fejn kien jghix hu go garaxx li jinsab Triq is-Serkin stess,* ***meta f'daqqa wahda tlieta min-nies dahlu fuqu, zewg irgiel u mara u attakkawh fizikament u serqulu bhal bagalja*** *li kellu dokumenti u kellu 4000 euro cash. Il-vittma spjegalna wkoll li huwa wara gera warajhom dawn it-tlieta min-nies, dawn dahlu go karozza pparkjata u rega' kien hemm komozzjoni fizika bejniethom u pprova jahtaf il-basket pero' dawn saqu u baqa' jitkaxxkar tul it-triq sakemm fl-ahhar mill-ahhar kellu jitlaq il-basket u minhabba f'hekk soffra griehi f'saqajh ix-xellugija.*'

**PC 270 Sean Borg** fis-seduta tal- 21 ta' Marzu 2019 xehed dwar li marru fuq il-post fejn il-vittma ***'qalilna li kien ghadu kemm gie misruq minn tlett persuni, zewgt irgiel u mara, mar jipprova jwaqqafhom ghax kienu ha jaharbu b'karozza minn fuq il-post u kaxxkruh ghat-tul tat-triq.***'

**PC 508 Aidan Gatt** fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2019 spjega li '*Meta wasalna fuq il-post sibna l-imsemmi vittma Jamel Lamin li qalilna li kellu certu injuries ma' saqajh il-ghaliex serquh, dak il-hin kien kommoss hafna u ahna minnufih bdejna nitkellmu mieghu u uriena fejn gara l-incident. Hadna fil-kamra tieghu u uriena t-taqlib li kien hemm*'. Qalilhom li kellu pouch, basket zghir.

**L-Ispettur Fabian Fleri** fis-seduta tal-10 ta' Gunju ,2019 spjega li '*Fit-22 ta' Novembru 2018, certa Lamin Lameh ghamel, kien informa l-Pulizija permezz ta' telefonata li kien* ***ghadu kif safa' vittma ta' serq fejn huwa kien jghix go qisha remissa fejn kienu dahlu xi nies fuqu, kienu sawtuh, hadulu bagalja li kien fiha xi flus.*** *Dawn meta telqu, hu hareg jigri warajhom, huma rikbu f'vettura u prova jzomm lil wiehed minnhom milli jidhol f'vettura, il-persuna li kienet qed isuq saq, bil-konsegwenza li hu tkaxkar ghal diversi metri ma' din il-vettura u filfatt wara rrizulta li sofra griehi ta' natura gravi f'genbu u saqajh. ..*'

Fir-relazzjoni ta' **Dr Mario Scerri** a fol 273 et sequitur tnizzel *li 'dan allegatament gie aggredit id- dar tieghu hdejn garaxx fi Triq is- Serkin, il- Marsa minn zewgt irgiel u mara. Dawn allegatament serqulu bagalja b' xi flus u xi dokumenti;'*

Il-vittma li fit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu ismu tnizzel bhala 'Lamin Jammih' quddiem l-Ewwel Qorti fil- 21 ta' Jannar, 2019 xehed '*They knock the door and at that time I had only my boxer and a towel. I wasnt even wearing my clothes, I didnt even pray, they knock the door, I opened the door for them*' Li '*I asked them what do you want? They tell me that ..... and I said I am sorry I dont have money, can you go please, let me close my door.*' Noel Borg qallu dwar il-mobile. Mistoqsi '*So you opened the door and you found the man in the middle he was right next to you as you opened and he told you I have a phone to sell and you said I have no money, but then you said something about the man next to him, accused Mifsud, what did he say?*' wiegeb '*He was standing at the door. The woman is also there inside the house.*' Spjega li ***'They refused so I said if you dont go out I will call the Police and this one in the middle he started to fight me***.' Tah daqqa ta' ponn go snienu. Spjega ***'they started fighting me and pushed me inside my house.***', '*they broke the stand fan...*'. Mistoqsi '*as soon as you saw what is happening, your thought was to protect your belongings*' wiegeb '*Yes*' u mistoqsi li '*So you went near your lugagge and you sat on it*' wiegeb '*Yes, was waiting for someone to come to help me but no one came to help me, so they took the luggage off my hand.*' Jidentifika li Noel Borg kien. Spjega li '*Then after they took the bag*' b'referenza ghal Noel Borg li taghha lil Chalbi li griet barra bil-basket. Xehed li '*He punched me before he took the luggage, after they took the luggage they still fight me.*' Mifsud u Borg iggieldulu b'daqqiet ta' ponn. Mistoqsi '*So it was you that ran to protect your luggage, they came after you, correct?*'

wiegeb '*Yes*' u mistoqsi '*And you sat on it*' wiegeb '*Yes*'. Huwa kompla jispjega x'sehh meta gera wara l-persuna femminili. Spjega li '*they are still punching me so I let go off the handle but I did not leave the door.*'

Ghalhekk jirrizulta li fil-verzjonijiet moghtija mill-vittma lil ufficjali tal-Pulizija l-parte civile kien aktar generiku fi kliemu meta f'diversi istanzi jitkellem fil-plural meta jghid li gie aggredit. In oltre' ghalkemm fil-verzjonijiet moghtija mill-vittma jirrizulta li f'xi waqtiet semma li l-persuna feminili hadet il-bagalja, f'waqt iehor li kien il-persuna identifikat bhala Noel Borg li ta l-bagalja lil persuna feminili u anke jsemmi li hu stess u cioe' l-vittma pogga fuq il-bagalja biex jiprotegi hwejgu, dawn ma jbiddlu xejn. Fis-sens li irrispettivament jekk kienx l-appellant li ta l-bagalja lil Leanne Chalbi jew kinitx hi li marret ghal bagalja, dan ma jnaqqas xejn mill-involviment li kellu l-appellant f'din is-serqa. In oltre' mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-vittma quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta li l-appellant Noel Borg kien qieghed ipoggi fin-nofs. Il-vittma identifikah bhala l-persuna li ta' daqqa ta' ponn fi snienu. Jirrizulta li filwaqt li fil-verzjoni moghtija lill-Ispettur Lydon Zammit il-vittma kien spjega kif il-persuna femminili kienet marret tofrilu servizzi sersswali qabel ma giet lura maz-zewg irgiel l-ohra, il-vittma fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ma jsemmi xejn dwar dan.

L-**Ispettur Lydon Zammit** fix-xhieda tieghu spjega li l-vittma qallu li kienet il-persuna femminili li qabdet il-bagalja u telqet tigri biha. Mill-verzjoni moghtija mill-appellant fix-xhieda tieghu izda jirrizulta li f'diversi istanti jidentifika lil Noel Borg bhala wiehed mill-persuni li aggredieh u anke li kien Noel Borg li qabad il-bagalja u taghha lil Leanne Chalbi. Kif gia ikkunsidrat, minkejja dawn id-diskrepanzi, din il-Qorti tqis li ma jfissirx li l-vittma ma huwiex kredibbli. Wiehed ta' min ifakkar li l-vittma xehed waqt li t-tlett imputati kienu fl-awla u ghalhekk setgha jiddistingwi bejn x'ghamel wiehed u x'ghamel l-iehor u dan a differenza ta' meta ta l-verzjoni tieghu lil Pulizija. In oltre' kif ser jigi kkunsidrat irrispettivament dwar jekk l-appellant kienx hu li ta l-bagalja lil Leanne Chalbi jew jekk kinitx Leanne Chalbi li qabdita u harbet biha ma jbiddel xejn mill-fatt li jirrizulta li kien hemm *common design* bejn il-ko-imputati, fejn jirrizulta li marru hemm biex jisirqu lil parti leza.

In kwantu kif Leanne Chalbi kienet taf lil vittma, fl-ewwel lok din il-Qorti taghmilha cara li minkejja li l-appellant ghamel referenza ghal dak li Leanne Chalbi setghet stqarret waqt l-istqarrija, kwalunkwe haga mistqarra minn ko-imputat ma hijiex prova ammisssibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taghmel referenza ghal dak li ko-imputat setgha stqarr.

L-appellant jaghmel referenza ghal filmati tac-CCTV footages fejn jispjega kif Chalbi dahlet fir-residenza b'zarbun tat-takkuna u tidher li harget b'zarbun catt. Dwar dan, din il-Qorti mill-filmati ukoll ikkonstatat kif meta harget il-persuna femminili mill-vettura l-ewwel darba hija kienet b'zarbun tat-takkuna u tidher li kellha xi haga f'id minnhom li jider li huwa mobile phone filwaqt li meta tirritorna lura hija tidher liebsa zarbun catt minghajr overcoat u ma jirrizultax car jekk irritornatx bil-mobile phone jew le. In oltre' jirrizulta ukoll kemm mir-rapport ta' PS 586 Mario Azzopardi u s-Surgent 293 Michelle Camilleri senjatament a fol 226 jidhru ritratti ta' zarbun iswed bit-takkuna. F'dan ir-rapport a fol 207 tnizzel ukoll li '*L-esponenti gew infurmati illi kien hemm par zarbun ta' lewn iswed fejn l-vittma stqarr maghhom illi dak iz-zarbun ma' kienx tieghu pero ta' wahda mill-aggressuri. Hu stqarr ukoll li kien hemm iktar minn wiehed aggressuri.*' L-istess jirrizulta mir-ritratti esebiti minn Ansumana Drammeh fis-seduta tat- 13 ta' Frar, 2019 tar-residenza in kwistjoni fejn f'ritratt minnhom jidher iz-zarbun tat-takkuna. L-envelope b'sett ta' ritratti huwa mmarkat bhala Dok AD a fol 112.

**L-Ispettur Lydon Zammit** fix-xhieda tieghu datata l- 11 ta' Dicembru 2018 spjega kif il-vittma kien spjega li '*Leanne Chalbi kienet marret hin qabel biex toffirlu xi servizzi sesswali izda hu skond kliemu m'accettax minhabba r-religjon tieghu, minhabba li hu ta' religjoni musulmana, qalli jien ma nistax ikolli x'naqsam ma' nisa' li m'huwiex mizzewweg maghhom ghalhekk irrifjuta u Leanne Chalbi telqet il-barra. Xi hin wara irritornaw Leanne Chalbi...*' Ghalhekk kif gia inghad aktar kmieni f'din is-sentenza, jirrizulta li fil-verzjoni moghtija mill-parte civile lill-Ispettur Lydon Zammit, hu kkonferma li Leanne Chalbi kienet ftit qabel marret ghandu. Fix-xhieda moghtija mill-parte civile quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma jsemmix li Leanne Chalbi kienet marret aktar kmieni tofri servizzi sesswali u meta mistoqsi jekk kienx jaf lil dawn

in-nies qabel wiegeb li qatt ma rahhom f'hajtu u mistoqsi kif kienu jafu fejn joqghod wiegeb li '*I dont know, sometimes people come there*.'

Din il-Qorti mir-ritratti esebiti tqis li l-provi jindikaw li f'xi hin jew iehor iz-zarbun ta' Leanne Chalbi kien spicca fir-residenza tal-imputat tant li l-ewwel darba li tidher fil-filmat tidher b'zarbun bit-takkuna filwaqt li sussegwentement tidher b'zarbun catt. Ghalkemm ma hemmx certezza li kien l-istess zarbun ta' Leanne Chalbi li spicca fir-residenza tal-parte civile stante li dan ma giex sufficentement ippruvat filfatt fir-relazzjoni tal-espert forensiku Dr Marisa Cassar senjatament a fol 259 gie konkluz li mill-kampjuni hargu profili genetici mhallta fejn ma jistax jigi eskluz li wiehed mill-kontributuri huwa dejjem ragel, nonostante l-fatt li ma huwiex car kif u x'fatta l-parte civile kien jaf lil Leanne Chalbi, dan ma jfissirx li l-parte civile ma qalx il-verita' in kwantu kif sehhet l-allegata serqa u l-aggressjoni subita minnu.

Mill-filmati jirrizulta car li kienet il-persuna femminili li poggiet il-bagalja fil-vettura, filwaqt li jirrizulta li z-zewg irgiel pruvaw johorgu lill-vittma mill-vettura meta dan prova jidhol biex jiehu lura l-bagalja. Jirrizulta ukoll li kien Noel Borg li irnexxilu johrog lil vittma mill-vettura u fejn tefghu fl-art. Jirrizulta li ma kienx Noel Borg li kien qieghed isuq il-vettura tieghu tant li dahal minn naha tal-passigier, filwaqt li l-vittma rega prova jidhol fil-vettura din id-darba minn naha tal-passigier fejn il-filmati jaghtu x'jifhmu li Borg u l-vittma bdew jissaraw u fejn il-vettura instaqet waqt li parti minn gismu kien fil-vettura u baqa jzomm mal-vettura bil-konsegwenza li tkaxkar ghal ghonq it-triq.

In kwantu l-allegati inkonsistenzi dwar il-figura li kien hemm fil-bagalja, l-appellant jissottometti li l-parte civile sostna li gol-bagalja kien hemm figura tonda ta' erbat elef ewro (€4,000) li minnhom huwa kellu elf u hames mija (€1,500). L-appellant jistaqsi kif il-Qorti tista' temmen li l-appellant kellu dan l-ammont kollu, meta l-vittma kien ilu jghix Malta biss ghal erba' (4) xhur u li jahdem f'sit ta' kostruzzjoni. Dwar dan, din il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta li l-parte civile dejjem semma li kellu s-somma ta' erbat'elef ewro (€4000) u xi dokumenti. Fix-xhieda tieghu jsemmi ukoll li kellu anke hwejjeg fil-bagalja li nsterqet. Jirrizulta ukoll li fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti huwa spjega li kien hemm kwazi erbat'elef

ewro (€4,000), li minnhom tieghu kienu elf u hames mitt ewro (€1,500) u li kien hemm anke l-flus ta' siehbu. Ansumana Drammeh fix-xhieda tieghu moghtija fit- 13 ta' Frar 2019 spjega li kien ta' erba' mitt ewro (€400) lill-parte civile xi jzommlu. L-Ispettur Stacey Attard fix-xhieda taghha datata l- 21 ta' Marzu, 2019 kienet spjegat li '*Meta mistoqsi jekk il-flus kienux kollha tieghu huwa qal li kellu biss parti minnhom u l-bqija tal-flus kienu ta' Lamin Kasama u Osman Dramih.*' Jirrizulta li Lamin Kasama u Osman Dramih baqghu ma xehdux f'dawn il-proceduri.

L-Ewwel Qorti ghalhekk kienet qieset li l-ammont tar-res furtiva li giet pruvata sal-grad mistenni hu dak ta' madwar elfejn ewro (€2,000) tenut kont li fil-bagalja jistqarr li apparti flus, kellu ukoll hwejjeg u dokumenti ohra. Din il-Qorti tqis li ghalkemm baqghu ma tressqux provi ta' x'kienu dawn il-hwejjeg u dokumenti, l-Ewwel Qorti setghet *arbitro boni viri* tqis li l-ammont tar-res furtiva kien madwar elfejn ewro (€2,000). Din il-Qorti ma ssibx raguni ghala ma ghandhiex temmen lill-appellant li huwa kellu elf u hames mitt ewro (€1500) f'din il-bagalja appartenenti lilu u erba' mija (€400) appartenenti lil Ansumana Drammeh.

Ikkunsidrat;

L-appellant jikkontesta ukoll li kien hemm prova ta' pjan komuni u cioe' *common design*. Jissottometti li l-appellant xehed li dakinhar huwa kien ghadu kemm abbuza mid-droga u ghalhekk ma kienx fi stat tajjeb li seta' kien jaf x'inhu jigri. Li mhux talli huwa kien qieghed jabbuza mid-droga dak iz-zmien, talli kien ghadu kif ha sustanza illecita li waslitu li jkun fi stat ta' sahha xejn tajjeb tant li ma kienx jaf x'inhu jigri. Li l-appellant cahad li kien hemm xi pjan jew xi ftehim. Li skont l-appellant, l-Ewwel Qorti sabet dan il-pjan komuni mhux minn xi prova li hemm fl-atti processwali ta' xi ftehim izda minn supposizzjonijiet li ghamlet u li qieset hija stess u dan stante li prova wahda li l-appellant flimkien mal-ohrajn kellhom dan il-pjan ma tezistix. Jissottometti li huwa ferm perikoluz li l-Qrati jistriehu fuq supposizzjoniiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Joseph Penza detentur tal-Karta tal-Identita' numru 382255M u George Muscat detentur tal-**

**Karta tal-identita' numru 331967M'**[26] dwar il-*concursus delinquentium* gie kkunsidrat li:

'*Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar 'l hekk imsejjah concursus delinquentium:*

*"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence." (sottolinjar tal- Qorti).*

*Ikompli:*

*"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. ... "*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro'**[27] gie kkunsidrat li:

'*11. Fil-liġi Maltija, il-figura ta' accessory after the fact li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat.*[28] *Fin-Noti tal-Professur Mamo*[29] *insibu dan li ġej: 'Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfilment after the fact.'*

---

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru. 108/2013)

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2017 (Appell numru: 307/12 DS)

[28] Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija kontra Shirley Chircop**, 6 ta' Ġunju 2002. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

[29] Paġna 126. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spet. James Grech, Spet. Carol Fabri) Vs Dylan McKay</u>'**[30] gie kkunsidrat li:

*'Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[31]"*

*Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjah common design mal-awtur tar-reat, kif allegat. Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f'din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il- ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.*

***'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s- serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l- ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko- operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'***[32] '

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Novembru, 2018 (Appell Kriminali Numru: 523/2016)

[31] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[32] Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - Pulizija vs Joseph Scicluna app.inferjuri. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*'31. Ma hemmx dubbju li l-imputat kien <u>konsapevoli sew</u> tal-presenza tal-vittma tenut kont li dan kien kwazi f'hoggru u l-bieba tieghu baqghet miftuha ghal kollox. Kien konxxju tas-serqa li twettqet fuqu ghaliex kellu* ***sehem attiv fiha!***
*Kien ghalhekk li meta Lamin zgiccalhom u prova jidhol fil-vettura biex jiehu hwejjgu lura, minflok ma ra kif ghenu, anke b'semplici tlugh tal-handbreak, ma ghamel xejn. Ghall-kuntrarju l-provi juru li kien* ***kompartecipi ghal kollox ma Mifsud u Chalbi kemm in kwantu ghas-serqa, fejn Lamin jghid li kien Borg li wara li sawtu, hadlu l-bagalja minn idejh u taha lil Chalbi, kif ukoll ma Mifsud meta saq minn fuq il-post u kompla jsuq bil-vittma ggranfat ma Borg u mal-vettura!***
*Minflok ma ngabet xi tracca ta' prova mill-imputat li ghamel xi att li permezz tieghu pprova jevita li jigi mwegga' Lamin, il-provi li hi rinfaccjata bihom il- Qorti huma li Borg ha <u>parti attivita</u> fir-reat kemm ta' serq bi vjolenza, kif ukoll tal-offizi fuq il-persuni.*
*Altru` li kien hemm il-***partecipazzjoni materjali*** tieghu mal-ezekuturi l-ohra tad-delitt; anzi kien* ***ko-awtur****! Altru` li Borg presta il-* ***ko-operazzjoni diretta u essenzjali*** *ghall-ezekuzzjoni tad-delitti li gie addebitat bihom. Ma hemmx dubbju li hu, flimkien ma Mifsud u Chalbi kellhom ftehim pre-ordinat bejniethom. Ix-xhieda li jaghti l-vittma timmanifesta dan lil hinn minn kull dubbju!'*

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li kien hemm pjan komuni sabiex issir is-serqa. Din il-Qorti sejra tqis jekk kienx hemm pjan komuni in kwantu l-griehi sofferti mill-vittma aktar il'quddiem f'din is-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech'</u>**[33] gie kkunsidrat li:
**'48**. *Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l- element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "common design" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall- figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko- awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad- delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2018 (Att tal-Akkuza: 27/2007)

*jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi.'*

Mill-filmat jirrizulta car li l-appellant kellu sehem attiv fis-serqa. Tant li huwa ma provax iwaqqaf lil Leanne Chalbi milli tiehu l-bagalja, anzi skont ix-xhieda tal-parte civile kien l-appellant li ghadda l-bagalja lil Leanne Chalbi u li Leanne Chalbi harbet tigri biha. In oltre' l-imputat jidher fil-filmat johrog lil parte civile mill-vettura u fejn il-vittma jibqa' jzomm il-qmis tal-appellant x'hin dan tefa' lil vittma mal-art tant li l-qmis tal-appellant tqattat. L-appellant sussegwentement jirkeb fil-vettura minn naha tal-passigier waqt li l-vittma tkompli tissara u tipprova tidhol fil-vettura fejn anke tigranfa mal-genb tal-vettura waqt li din tinstaq. Ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li qal lil ko-imputat Mifsud biex jieqaf, dan bl-ebda mod ma jirrizulta pruvat.

Din il-Qorti ma temminx il-verzjoni moghtija mill-appellant li kienu regghu marru l-Marsa peress li Leanne Chalbi qalet li nesiet il-mobile phone u li intervena meta Leanne Chalbi qalet li l-vittma ma riedx jaghtiha l-mobile phone u li l-vittma prova jabbuzaha. Il-fatt li l-parte civile jallega li marru biex ibieghulu *mobile phone* jikkonferma li l-intenzjoni ghala Noel Borg flimkien mal-ko-imputati l-ohra marru fuq il-post kien fil-fatt biex jisirqu lil parte civile. In oltre' il-fatt li beda jissara mal-vittma u rikeb u harab mal-ko-imputati l-ohra fil-vettura ukoll tikkonferma din il-mira. F'kaz li l-iskop kien biex Chalbi iggib lura l-mobile phone taghha, ma kien ikun hemm l-ebda ragun ghala ghandhom minflok ma jaraw x'fiha l-bagalja dak il-hin, jaharbu minn fuq il-post.

Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet issib htija tal-ewwel imputazzjoni u cioe' ta' serq dan limitatament ghall-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) cash u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Lamin Jammeh u Ansumana Drammeh u ghalhekk kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti l-ammont tar-res furtiva kienet madwar elfejn ewro (€2,000), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza ai termini tal-artikoli 262(1)(a) u 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-valur izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37) u bil-lok.

Ikkunsidrat;

In kwantu t-2 imputazzjoni li taqra: *'Talli fit-22 ta' Novembru 2018 ghal habta ta' bejn 14:30Hrs u 15:30Hrs fil-Marsa u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer, ikkaguna jew x'aktarx ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabu difett permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta Lamin Jammeh; Art 218 (1)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta'*

L-Ewwel Qorti qieset li l-offizi mgarrba skont l-espert Dr Mario Scerri kienu lezjonijiet kompatibbli ma tkarkir u huma ta' natura gravi per durata. Il-Qorti qieset li ma jistax jinghad li l-offizi jikkonfiguraw bhala xi cirkostanza msemmija bl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali izda sabet htija ta' offiza gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali li hi kompriza w involuta fl-imputazzjoni li qed jigi addebitat biha u cioe' dik ravvizata bl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

L-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva indikat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dan is-subartikolu jirreferi ghal meta *'iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;'*

L-appellant jissottometti li fid-*decide* taghha, l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ai termini tal-artikolu 216(1)(d) meta ma ngabet ebda prova fl-atti li tissostanzja din id-disposizzjoni tal-ligi. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar l-element materjali u formali tar-reat u cioe' tal-*actus reus* u l-*mens rea*. Jaghmel ukoll sottomissjonijiet dwar l-intenzjoni mehtiega.

Mix-xhieda tal-vittma Lamin Jammih moghtija fil- 21 ta' Jannar 2019 jirrizulta li huwa dam tlett gimghat l-isptar u li kien mitlub ihallas kont u li talab li jigi rilaxxat ghax ma ghandux dak l-ammont ta' flus. Fix-xhieda tieghu moghtija fil- 21 ta' Jannar 2019 spjega li kien ghadu migugh. Dak in-nhar spjega kif Noel Borg li jirreferi ghalih bhala dak li fl-awla kien qieghed ipoggi fin-nofs kien tah daqqa ta' ponn go snienu. Gie vverbalizzat mill-Qorti '*Come let me see your teeth because from here I am not seeing anything. At this moment the witness has approached the bench and*

*the **Court** can attest that the his front right tooth is slightly displaced and the gums are also swollen.'*

Fic-certifikat mediku datat it- 22 ta' Novembru 2018 vera kopja tieghu jinsab a fol 97 u mmarkat bhala Dok LZZ in-natura tal-griehi gew indikati bhala '*Slight safe complications*'. Dan ic-certifikat gie kkonfermat minn Dr Shamaki Garba fit- 13 ta' Frar 2019 fejn spjega li '*he had claimed to have had an issue with some of his housemate. He claimed to have been dragged on the floor. He sustained some frictional injury . . . . left elbow, the lateral side of his left thigh, his knee as well as the front of his leg. And I remember he claimed to have also been hit on the teeth but there was no visible injury*'. Ghalhekk jirrizulta li anke dak in-nhar tal-incident meta l-parti leza gie invistat mit-tabib, huwa kien indika li kien inghata daqqa go snienu ghalkemm ma dehrux griehi.

**Mr Raymond Gatt** fix-xhieda tieghu tat- 13 ta' Frar 2020 xehed li l-vittma ser ikollu dizabilita izda ma jistax jghid kemm stante li kien mehtieg aktar zmien biex jikkwantifika dan. Kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset milli titlob sabiex il-parte civile jerga jigi invistat mill-Profs Gatt. Mir-relazzjoni tal-Mr Gatt a fol 86 et sequitur immarkata bhala Dok RG jirrizulta li l-Lamin Jammeh kien invistat fit- 23 ta' Jannar 2019 fejn bhala '*Current symptomatology*' tnizzel li '*Mr Jammeh had several complaint. He still feels intermitten pain and stiffness aroun dhis upper back and left shoulder and his left thigh. He did not admit taking any analgesia and the symptomatology is not affecting his activities of daily living.*

*He also complains of the large scar on the left thigh which he admits perresents some discomfort, especially on palpation.*' Fost rizultanzi ohra nizzel li '*At present, Mr Jammeh is still suffering from residual symptomatology relating to his large partial thickness burn on his left thigh and upper left leg. This is about 40 cms in lenght and 15 cms at its wider aspect and represents about 5% of the body area. The area has now become a tough fibrous slightly tender eschar.*'

**Dr Mario Scerri** fis-seduta tal- 15 ta' Lulju, 2019 xehed li Yameh Lamin kellu *friction burns, partial thickness burns estensivi* fuq l-estremitajiet inferjuri. Li dam jinzamm l-

isptar fil-Plastics Department sal-14 ta' Dicembru. Xehed li l-lezjonijiet kienu kompattibbli ma tkarkir u huma ta' natura *gravi per durata.* Huwa invistah dak inhar tal-incident u jumejn wara. Fir-rapport tieghu senjatament a fol 287 huwa kkonkluda:

> '*1. Illi nhar it- 22 ta' Novembru 2018 allegatament sehh hold-up fuq* ***Jammeh Lamin*** *minn zewgt irgiel u mara u dan spicca nsterqulu xi flus u dokumenti;*
> *2. Illi waqt il- hold-up dan garrab xi griehi li kienu partial thickness burns ikkoncentrati fuq l- estremita nferjuri tax- xellug kagunati minn friction burns;*
> *3. Illi l- abrazjonijiet deskritti fuq il- minkeb tax- xellug kienu rizultat ta' friction burns;*
> *3. Illi l-lezjonjiet deskritti fuq l- aspett laterali tar- rigel tax- xellug u l-qasba tas- sieq ix- xellugija kienu ta' natura gravi per durata u dan dam l- isptar sal- 14 ta' Dicembru 2018;*'

Ghalkemm kemm Dr Mario Scerri u anke Mr Ray Gatt ma jaghmlux referenza ghal griehi sofferti fi snien jew fil-halq tal-vittma.

Din il-Qorti tqis li meta l-appellant ta' daqqa ta' ponn fi snien il-vittma setgha jippreveni li se jaghmel il-hsara u nonostante l-fatt li l-griehi fi snienu ma gewx konstatati mill-esperti medici, <u>dan ma jfissirx li l-Qorti ma setghetx hi stess b'ghajnejha tara dawn il-griehi madwar xahrejn wara li gie aggredit</u>.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '<u>**Il-Pulizija (Spt. Bernard Zarb) Vs Saviour Micallef u Emanuel Micallef**</u>'[34]:

> '*Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju, l-pozizzjoni legali kif kristallizzata fil-gurisprudenza hija s-segwenti :- L-artikolu 650 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' haga tkun tinhtieg sengha specjali, ghandha tigi ordnata*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Marzu, 2007 (Appell Kriminali Numru: 318/2006)

*perizja w l-periti jigu maghzulin mill- Qorti (Art. 650(2).)*

*Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar"*** *[23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali". Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. (ara ukoll* ***"Il-Pulizija vs. Lorita Pace"*** *[7.12.2006].)*'

A contrario sensu dan ifisser li jekk il-Qorti ghalkemm ma ghandhiex kwalifici medici, tista' b'ghajnejha tara l-griehi, ma hemmx il-htiega li jitqabbad espert ghal dan il-ghan, dan specjalment meta l-partijiet fis-seduta ta' fejn il-Qorti tkun konstatat il-griehi sofferti mill-vittma, ma jkunux qajmu oggezzjoni dwar il-griehi li tkun qieghda tara l-Qorti. Il-fatt li fl-istess seduta l-Qorti innominat lil Mr Ray Gatt u li minkejja li mir-rapport ta' Mr Ray Gatt kopja tieghu tinsab esebita a fol 86 et sequitur ghalkemm tnizzel li l-vittma allega li '*started to beat him up with their hands and fists, around his face, head, teeth and upper back. Before they left they stole some of his luggage and then tried to ride off in a car.*', il-griehi deskritti minn minn Ray Gatt ma jirrigwardax is-snien u l-hanek, dan izda ma jfissirx li dak li rat il-Qorti b'ghajnejha ma huwiex bizzejjed.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah'**[35]:

'*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2006 (Appell Kriminali Numru. 124/2005)

*legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali".'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi'**[36] inghad li:

*'Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal- provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d-deposizzjoni ta' Rita Ebejer – waslet ghall-konkluzzjoni li l- imsemmija Ebejer garrbet offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 193/2003)

*intervent ta' l-appellant. Din il- Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Mario Tonna Vs James Farrugia Omissis John Farrugia Omar Caruana'**[37] gie meqjus li:

*'In sostenn tal-argument taghhom l-appellanti ikkwotaw is-sentenza tal-Qorti tal- Appell Kriminali Il-Pulizija kontra Paul Spagnol tat-12 ta' Dicembru 1996 fejn intqal, "... huwa veru li s-snien ma humiex parti mill-wicc ...". Il-Qorti però ghamlet caveat importanti hafna meta kompliet "ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett illi jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq." L-istess sentenza ghamlet differenza bejn mankament u sfregju, dak tal-ewwel igib deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza jipproduci sfiguratament u ghaddiet biex tikkwota 'l- Manzini in sostenn. Sfregju, mill-bandu l-ohra u a differenza ta' mankament hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wicc fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. U ikkonkludiet "kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gorgo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc." Dan jirrifletti perfettament il-hsieb tal-awtur Maino meta jghid, "Nella sostanza, rimane sempre che in entrambe le ipotesi l'alterazione deve essere tale da rendere zgradevole l'aspetto, e' questo e' pure l'inseniamento della dottrina. ... vi sara' dunque deformazione quando per la lesione sara' rimasto completamente sfigurato il viso, sfregio quando la lesione avra lasciato minori tracce permanenti, per le quali l'aspetto riesca meno gradevole. Non occorre inoltre che l'aspetto sia ridotto in condizione da destar ribrezzo od orrore." (Commento al Codice Penale Italiano, Volume 3, para. 1640, pagina 300). L-enfasi f'dan il-bran huwa "l'aspetto del viso" u l-effett illi l-ferita thalli fuq il-wicc. Is-snien huma parti integrali mill-aspett viziv tal-wicc ghad illi fizikament mhumiex parti mill-wicc u kien dan*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2014 (Appell Numru 93/2013) (Appell Numru 94/2012)

*li induca lill-Qorti tal-Appell tghid, "it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett illi jistghu jhallu fuq il-wicc ...". Din il-Qorti tmur oltre u tghid illi anke l-ksur ta' sinna wahda jekk din tkun fuq quddiem u tkun ben vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin," (Il-Pulizija versus Emily Zarb, Appell Kriminali 15/2/58, Vol XLII, part 4, pagna 1245).*

*Ghalhekk din il-Qorti kif preseduta ukoll tikkonkludi illi l-ksur ta' sinna ta' quddiem (incisor) tista' tkun offiza gravi fuq il-persuna li ggib mankament jew sfregju fil-wicc. Huwa irrilevanti illi b'teknika moderna tista' ixxejjen ghal kollox l-aspetti negattivi ta' sinna miksura. Hu importanti li l-ferita kawzata ma kinitx se tfiq jew tirranga ruhha b'mod naturali, f'liema kaz allura l-armonija tal-wicc ikun permanentement affettwat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur T. Pulis) kontra Paul Spagnol'</u>**[38] fost kunsiderazzjonijiet ohra gie meqjus li:

*'Kwantu ghat-tieni paragrafu tal-bran citat, huwa veru li s-snien ma humiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul tal-infermita' u lanqas il- permanenza o meno taghha ma huma relevanti ghall-finijiet tal- Artikolu 216(1)(b) (...)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Clint Calleja'</u>**[39] gie kkunsidrat li:

*'Issa jigi ccarat mill-ewwel li l-artikolu 216(1)(d) ma jghidx li biex ikun hemm offiza gravi per durata, tali offiza trid tkun damet "aktar minn xahar" biex tfieq (kif jghid l-appellant fil- hames paragrafu hawn fuq citat). Kliem il-ligi huwa carissimu u jsemmi perijodu ta' "**tletin gurnata jew izjed**". Jigifieri l-fejqan ta' l-offiza, biex jissussisti r-reat in ezami, irid ikun ipperdura almenu "tletin gurnata" jew "izjed minn tletin gurnata". Dak li din il-Qorti trid tara ghalhekk huwa jekk l-*

---

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru, 1996 (Appell Numru: 322/95)
[39] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 121/2004)

*ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment fuq il-bazi tal-provi mressqa tikkonkludi li l-offiza li sofra Ashley Falzon Bakebread f'imniehru damitx <u>ghall-inqas</u> tletin gurnata biex tfieq.*

*Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl- Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** *deciz fit-30 ta' Lulju 2004:*

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid- dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

*L-ewwel Qorti effettivament waslet ghall-konkluzjoni li l-vot tal-ligi f'dan il-kaz kien soddisfatt a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Illi dwar jekk il-ferita hi klassifikabbli bhala gravi l-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda tat-tabib (fol. 63) li kien l-ewwel li mmedika lill-kwerelant meta dan iddahhal l-emergenza l- isptar San Luqa u rriskontralu ksur fl-ghadma tal-imnieher li kklassifikaha bhala gravi. Jirrizulta fil-fatt li l-fejqan irrikjeda perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar. Fil-kuntest ta' din il-ferita, senjatament ghall-konsegwenzi li halliet, gew esebiti 'ex parte' zewg certifikati medici li pero` baqghu ma gewx konfermati mill-konsulenti medici li rrilaxxjawhom b'dan li difficilment jikkostitwixxu u jistghu jittiehdu bhala prova valida u univoka tal-kontenut taghhom."*

*Jigifieri l-ewwel Qorti, a bazi ta' dak li xehed it-tabib Dr. Edward Despott li kkonferma li rrilaxxja c-certifikat esibit a fol. 15 tal-process u mnejn jirrizulta li kien ezamina lil Ashley Falzon Bakebread, sab li*

*kellu ksur tal-ghadam tal- imnieher u kklassifika tali offiza bhala wahda gravi per durata, u a bazi tax-xiehda ta' l-istess Ashley Falzon Bakebread dwar kemm dam il-perijodu ta' fejqan (fil-fatt, ghalkemm fis-7 ta' April 2003 semma' perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar, kien diga` xehed fl-24 ta' Jannar 2002 u qal li mniehru kien dam "circa xahar" biex ifieq), waslet ghall-konkluzjoni li l-imsemmi Falzon Bakebread garrab offiza ta' natura gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(d) tal- Kap. 9. Issa huwa veru li t-tabib Dr. Edward Despott xehed li ma setax jghid kemm dam l-appellant biex ifieq peress li ma regax rah, pero` din, anke fuq l-iskorta tas- sentenza fuq citata, mhijiex raguni mpellenti ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.'*

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar il-griehi sofferti f'sieq il-vittma, li ma kienx hu li kien qieghed isuq u li huwa waqaf milli jaghlaq il-bieba ghax kieku kien iwegga sew lil Lamin u li l-Qorti ma setghetx issib htija fuq dak li seta' ghamel dak il-hin u cioe' meta kkummentat fis-sentenza appellata li setgha jtella l-handbreak. L-appellant jaghmel referenza ghal fatt li *actus non facit reum nisi mens sit rea*. Ghalkemm l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dwar dak li setgha ghamel l-appellant nonostante l-fatt li l-vettura ma kinitx misjuqa minnu u fejn sabet htija ta' offiza gravi ai termini tal-artikolu 216 wara li qieset li l-espert Dr Mario Scerri qies li l-lezjonijiet kienu kompatibbli ma tkarkir, din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li mill-filmati tac-CCTV jidher li l-ko-akkuzat Mifsud jipprova johrog lil vittma mill-vettura sussegwentement l-appellant Noel Borg jirnexxilu johrog lil vittma mill-vettura u anke jimbuttah ghal mal-art, fejn sussegwentement il-vittma jipprova jerga jidhol fil-vettura, din id-darba minn naha tal-passiggier u l-karozza tinstaq waqt li l-vittma jibqa jitkaxkar bil-bieba miftuha fejn fl-istess waqt il-vittma jallega li baqghu isawtuh, gialadarba ma jirrizultax jekk il-griehi sofferti fuq gisem tal-vittma kienux rizultat tal-fatt li Noel Borg imbuttah ghal mal-art izda din il-Qortit tifhem li l-griehi kif konstati minn Dr Mario Scerri u Profs Raymond Gatt huma rizultat ta’ tkaxkir mal-art waqt li l-vettura instaqet, gialadarba l-appellant ma kienx il-persuna li kien qieghed isuq il-vettura, huwa ma ghandux iwiegeb ghal dawn il-griehi.

Ghalkemm din il-Qorti tqis li kien hemm *common design* f'dak li jirrigwarda s-serqa aggravata bil-vjolenza, lok u valur li ma jaccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), l-appellant ma ghandux iwiegeb ghal griehi sofferti mill-vittma rizultat li l-ko-akkuzat saq il-vettura.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset in kwantu l-ewwel imputazzjoni li '*Kien ghalhekk li meta Lamin zgiccalhom u prova jidhol fil-vettura biex jiehu hwejjgu lura, minflok ma ra kif ghenu, anke b'semplici tlugh tal-handbreak, ma ghamel xejn. Ghall-kuntrarju l-provi juru li kien* ***kompartecipi ghal kollox ma Mifsud u Chalbi kemm in kwantu ghas-serqa, fejn Lamin jghid li kien Borg li wara li sawtu, hadlu l-bagalja minn idejh u taha lil Chalbi, kif ukoll ma Mifsud meta saq minn fuq il-post u kompla jsuq bil-vittma ggranfat ma Borg u mal-vetttura!***
*Minflok ma ngabet xi tracca ta' prova mill-imputat li ghamel xi att li permezz tieghu pprova jevita li jigi mwegga' Lamin, il-provi li hi rinfaccjata bihom il-Qorti huma li Borg ha* parti attivita *fir-reat kemm ta' serq bi vjolenza, kif ukoll tal-offizi fuq il-persuni.*
*Altru' li kien hemm il-****partecipazzjoni materjali*** *tieghu mal-ezekuturi l-ohra tad-delitt; anzi kien* ***ko-awtur****! Altru' li Borg presta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-ezekuzzjoni tad-delitti li gie addebitat bihom. Ma hemmx dubbju li hu, flimkien ma Mifsud u Chalbi* kellhom ftehim pre-ordinat bejniethom*. Ix-xhieda li jaghti l-vittma timmanifesta dan lil hinn minn kull dubbju!*'

Kif inghad din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn poggiet ir-responsabbilta' fuq l-appellant ta' griehi sofferti mill-vittma rizultat tal-vettura li instaqet mill-ko-imputat. Din il-Qorti tqis li anke jekk l-appellant setgha jgholli l-handbreak biex il-vettura ma tibqax tinstaq, ma jistax jinghad li giet pruvata *common design* li ko-imputat isuq il-vettura waqt li l-vittma ikun ghadu jissielet biex jidhol fil-vettura izda kull akkuzat iwiegeb ghall-ghemil tieghu u ghalhekk ma ghandux iwiegeb ghal griehi sofferti rizultat tal-fatt li l-ko-akkuzat saq il-vettura waqt li l-vittma kien granfat ma' Borg mal-vettura.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tillimita r-responsabbilita' tal-appellant Noel Borg tal-griehi sofferti in kwantu li gie ppruvat li l-appellant ta' d-daqqa ta' ponn go snien il-vittma, liema griehi skont l-Ewwel Qorti waqt ix-xhieda tal-vittma

konsistenti f'li '*front right tooth is slightly displaced and the gums are also swollen*'. Ghalhekk dawn il-griehi kif inghad kienu ghadhom visibbli dak in-nhar li xehed il-vittma u cioe' kwazi xahrejn wara l-incident. Ghalhekk dan huwa sufficenti fit-termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu l-intenzjoni li tigi kkawzata hsara, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Kylie Borg Vs Leonardo Balzan'**[40] gie kkunsidrat li:

> '*Issa l-appellanti isejjes dina il-lanjanza dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti meta din giet biex tqies l-elementi intenzjonali ta' dan ir-reat, fuq premessi legali zbaljati. L-appellanti jishaq illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna ebda forma ta' hsara lill-parti leza billi kull ma ghamel kien li xejjirlu daqqa ta' harta u dan sabiex irazzan l-imgieba ingurjuza ta'l-istess fil-konfront tieghu. Certament li ma kienx qed jipprevedi l-event dannuz li ikkonsegwa u cioe' li l-vittma spicca tilef il-bilanc, waqa' lura ma'l-art u wegga rasu biex b'hekk spicca sofra griehi gravi. Illi jibda' biex jinghad illi l-appellanti qatt ma jista' jargumenta illi l-agir tieghu ma kienx isarraf f'wiehed li jikkaguna hsara billi huwa indubitat illi meta wiehed ixejjer daqqa ta' harta fil-konfront ta' persuna ohra xi hsara necessarjament tigi ikkagjonata. Mela allura meta fil-mument illi l-appellanti ireagixxa ghal kliem ingurjuz li indirizza fil-konfront tieghu Micallef bil- vjolenza huwa certament seta jipprevedi illi tali agir kien ser jikkawza xi forma ta' hsara anke jekk minima. Issa f'dan l-aggravvju minnu intentat l- appellanti donnu qieghed jinvoka a favur tieghu l-kuncett legali ta' dak li fid- dritt penali taljan jissejjah bhala "dolo preterintenzionale"*[41]*, figura guridika izda li ma tikkonfigurax fid-dritt penali taghna, hlief forsi fil-kaz tal-offiza gravi sewgieta bil-mewt biss izda meta din isehh minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza u ukoll minhabba xi kawza accidentali*

[40] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2017 (Appell Nru: 327/2016)

[41] Articolo 43 Codice Penale: è preterintenzionale, o oltre l'intenzione, quando dall'azione od omissione deriva un evento dannoso o pericoloso più grave di quello voluto dall'agente (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*li tinqala wara[42]. Il-ligi taghna izda ma tikkontemplax is-sitwazzjoni fejn l- awtur ta' reat li ikollu l-intenzjoni jikkaguna offiza hafifa jispicca jikkawza offiza gravi jew gravissima. Dan ghaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid- decizjoni impunjata l-intenzjoni li wiehed jikkaguna hsara hija wahda generika bl-awtur tar-reat iwiegeb ghal hsara kollha konsegwenzjali li tista' tohrog mill-agir tieghu u allura meta jigi ippruvat illi l-awtur kellu intenzjoni jikkaguna xi forma ta' hsara zghira kemm hi zghira, huwa xorta wahda irid iwiegeb ghad-danni kollha, anke jekk gravi, li jikkonsegwu minn dak l-agir. Fuq kollox kif ighid l-awtur Anolisei:*

*"il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrira personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."*

***Issa minn ezami li ghamlet mill-gdid ta'l-atti din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tqies illi l-appellanti certament seta' jipprevedi illi r-reazzjoni sproporzjonata u vjolenti li kellu fil-konfront tal-parti leza kienet ser tikkawza xi hsara billi certament ma jistax jikkonvinci lil din il-Qorti meta ighid illi meta huwa xejjer daqqa ta' harta, u cioe' ikkometta azzjoni li minnha innifisha issarraf fi vjolenza, huwa la ried u lanqas seta jipprevedi xi event dannuz**. Illi anke ix-xhieda moghtija mill-appellanti quddiem il-Qorti hija evidenza ta' din l-intenzjoni meta jishaq illi meta l-parti leza indahal fl- argument li huwa kellu mal-foreman u ghajjru egoist ghal iktar minn darba, huwa wiegbu biex ma jindhalax u ighid hekk:*

*"Argumentajna hu.." "Argumentajna fl-ilsien ukoll ..." "Jien dehrli li resaq lejja .... Biex jikkonfrontani u jien mad-daqqa b'idejja tajtu daqqa ... daqqa ta' harta go wiccu..." Illi dan jindika l-intenzjoni ta'l-appellanti li jwiegeb bi vjolenza f'argument li kellu ma' Micallef u allura ma jistax jitwemmen meta ighid li ma riedx iwegga' lil siehbu jew ghal ta'l-anqas li ma setax jipprevedi li bl-agir tieghu seta'*

---

[42] Ara artikolu 220 tal-Kodici Kriminali (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) tas-sentenza citata)

*jikkaguna hsara. Allura l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, liema konkluzjonijiet din il-Qorti tikkondividi pjenament. Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat,.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano ... omissis ... ... omissis ... Silvio sive Saviour Pace'</u>**[43] gie kkunsidrat li:

*'Hekk, l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghal "principju" jew "presunzjoni" li kulhadd irid jew jintendi l-konsekwenzi naturali li jkunu previsti jew ragonevolment prevedibbli ta' ghemilu. Meta kien qieghed jispjega kif il-gurati jistghu jaslu biex isibu l-intenzjoni, qal li dan setghu jaghmluh mill-ezami tal-provi u mill-ezami tac-cirkostanzi. Imbaghad kompla hekk:*

*"Issa, sinjuri gurati, fin-normalita` tal-hajja meta xi hadd jaghmel xi haga eccezzjonalment jigi dan u jghidlek ara jiena qtilt lil X u kelli l-intenzjoni li noqtlu – ftit jigru, rarissimu dawn, li jkollok konfessjoni daqshekk cara. U allura tqum il-problema kif ser tkun taf xi hsieb kellu fil- mument dak li jkun li ghamel l-att. U hemm principju, sinjuri gurati, li ser nghidilkom x'inhuwa pero` nitlobkom tinnotawh, niddettahulkom,, ghaliex a bazi ta' dan il- principju, a bazi ta' dan it-test, intom tistghu mbaghad taraw x'kienet l-intenzjoni ta' kull akkuzat. U l-principju, biex nghidilkom x'inhuwa sinjuri gurati, huwa li skond il- ligi, kulhadd irid jew jintendi – issa nerga' naqrahulkom bil-mod dan ma jimportax – kulhadd irid jew jintendi l- konsegwenzi naturali li jkunu previsti minnu jew ragonevolment prevedibbli, ta' dak l-ghemil tieghu, ta' dak l-ghemil li hu jaghmel volontarjament. U dan l-ghemil jaghmlu ghaliex hekk irid, ma jimportahx mill- konsekwenzi, u jibqa' ghaddej u jaghmel dak l-ghemil. Mela l-principju huwa illi kulhadd – huwa prezunzjoni fil- fatt, kulhadd irid il-konsekwenzi natural ital-ghemil tieghu, li hu jaghmel b'mod volontarju, il-konsekwenzi li hu stess seta' jipprevedi jew ippreveda, jew konsekwenzi*

[43] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2007 (Numru: 2/1995)

*li kienu ragonevolment prevedibbli, u b'danakollu ma importahx minn dawk il-konsekwenzi u baqa' jaghmel dak li kien qed jaghmel. U meta nghidu ragonevolment prevedibbli, sinjuri gurati, din tfisser, il-kelma ragonevolment – nuzawha kontinwament – tfisser li din tkun xi haga li kwalunkwe bniedem normali jista' jipprevedi. Mela haga illi bniedem ragonevoli jista' jipprevedi, ma tkunx haga straordinarja jigifieri. Naghti ezempju – qieghed fit-triq jiena nsuq il- karozza tieghi, nara persuna, ma nafx min hi, qed taqsam, u dak il-hin jiena naghfas il-gas, 50/60 miles per hour, u ntajjarha – irrid intajjarha lil din il-persuna, u allura l-bwon sens taghkom, ghal dik li hija l-intenzjoni tieghi, x'jghidilkom, il-konsekwenzi ta' dak l-att tieghi, li jiena ghamilt volontarjament, ghax hekk ridt, x'kienu? Jew li jmut jew ghall-inqas ikorri. Tajjartu dan m'ghola zewg sulari – gejt jigifieri ma jimportanix, huma konsekwenzi li stajt nipprevedi, huma konsekwenzi li bniedem ragonevoli jipprevedi, pero` ma jimportanix, ghamilt dak li ridt naghmel. F'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dawk il- konsekwenzi, ma nistax nghid allura isma' jiena ma kellix intenzjoni li noqtlu tafx, jew li naghmillu ferita. Jiena l- intenzjoni tieghi kienet li naghtih qata'. Le. U hudu l-kaz li jiena ridt intih qata', b'dak li ghamilt huwa prevedibbli li naghtih qata' biss jew huwa prevedibbli li hu jmut, u jkun hemm dawk il-konsekwenzi? Hekk issibuha l-intenzjoni, sinjuri gurati, billi taraw il-fatti u mill-fatti u mic-cirkostanzi taslu ghall-intenzjoni.*

*Mela jekk xi hadd jaghmel xi haga volontarjament, ghax hekk irid, - hu l-konsekwenzi naturali ta' dak l-att tieghu kienu previsti minnu bhal dan l-ezempju li semmejt, jew kienu ragonevolment prevedibbli, mir-reasonable man, persuna kwalunkwe ragonevoli, tgjid iva, dak il-konsekwenzi l-mewt, u dan xorta wahda ghamel li kellu jaghmel – allura mbaghad araw intom l-intenzjoni x'inhija. Pero` intom tridu tistabiluha, sinjuri gurati, ghax l- intenzjoni hija kwistjoni ta' fatt u allura hija f'idejkom."*[44]

*Imbaghad meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega lill-*

[44] Tape 83 p.25–26. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna enumerata tas-sentenza citata)

*gurati l-elementi tad-delitt kontemplat fl-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali, spjega l-element ta' l-intenzjoni bis-segwenti mod:*

*"l-intenzjoni li titlob il-ligi hawn hekk hija dik, halli niehu lili bhala ezempju, hija dik li jiena rrid naghmel esplozjoni u naghmilha volontarjament ghax hekk irrid u ghalhekk il- konsekwenzi naturali ta' din l-esplozjoni jew huma previsti minni – nipprevedihom – jew kienu ragonevolment prevedibbli, b'dana kollu jiena ma importanix minn dawk il- konsekwenzi naturali u bqajt ghaddej u ghamilt l- esplozjoni. Mela hawn hekk mill-ewwel ghandkom tindunaw li meta konna dalghodu fil-bidu nett qed nispjegalkom kif taslu ghal intenzjoni, hawn hekk qed nerga' nirrepeti bejn wiehed u iehor dak il-kliem. Mela l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt hija li jiena rrid naghmel esplozjoni, jigifieri volontarjament, u l-konsekwenzi naturali ta' dik l-esplozjoni, ghalkemm huma previsti minni jew ragonevolment prevedibbli, jiena b'danakollu ma importani xejn u ghamilt l-att li bih gibt l-esplozjoni. Dik hija l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt – l-intenzjoni volontarja. U nerga' nghid bhal ma ghidt qabel – jekk fil- fatt dawn il-konsekwenzi ghalkemm prevedibbli ma jirrizultawx, ma gara xejn, xorta jiena responsabbli ta' dak id-delitt. Jigifieri ghalkemm hemm konsekwenzi naturali, ovvji, li wiehed facilment seta', jew ragonevolment jipprevedi, jekk fil-fatt, f'dan id-delitt, ma jirrizultawx dawk il-konsekwenzi, jiena xorta wahda responsabbli ghal dak li ghamilt.*

*Mela biex tkunu certi minn dan li qed nghid, sinjuri gurati, l-intenzjoni li trid tippruvalkom il-prosekuzzjoni – dejjem sal-grad tal-konvinciment morali – hija li min ghamel l-att tal-esplozjoni, l-awtur jigifieri, min ghamel dik l-esplozjoni, fl-ewwel lok ghamilha ghaliex hekk ried, volontarjament; fit-tieni lok dan meta l-konsekwenzi li jsemmi l-artikolu 311 kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, ma hemmx ghalfejn it-tnejn, jigifieri l-kosekwenzi wahda hija li jpoggi l-hajja ta' haddiehor f'perikolu jew il-kwistjoni ta' hsara gravi fil-proprjeta` - jigifieri dawn il-konsekwenzi kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, jew it-tnejn – jew kienu konsekwenzi dawn li wiehed bil-bwon sens, jara li huma prevedibbli u b'dana kollu min ghamel dak l-att ma giex jimportah minn dawk il-konsekwenzi, u ghamel dak l-att.*

*Mela issa, sinjuri gurati, biex taslu ghal din l-intenzjoni, tridu ovvjament tezaminaw il-provi, il-provi kollha bic- cirkostanzi, biex taraw jekk fil-fatt, min ghamel l-esplozjoni kellux ukoll din it-tip ta' intenzjoni. U hawn hekk mela nerga` nirreferikom ghall-ezempju li tajtkom fil-bidu, meta jiena qed insuq il-karozza u nsuq b'sahhti kollha fuq bniedem – wiehed allura x'ragonevolment x'jista' jghid li huma l-konsekwenzi. U jiena allura f'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dak id-delitt."*[45]

Din il-Qorti ghalhekk qieghda tikkonferma htija tat-tieni (2) imputazzjoni izda ta' offiza ta' natura gravi per durata ai termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali <u>izda dan limitatament ghal dak li soffra l-vittma konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li ta' l-appellant fi snien il-vittma abbazi tal-griehi li l-Ewwel Qorti rat b'ghajnejha waqt ix-xhieda tal-vittma izda mhux abbazi ta' dak li kkonstataw l-espert Dr Mario Scerri u Mr Raymond Gatt.</u>

Kif ser jinghad din il-Qorti tqis li r-reat mertu tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' ir-reat taht l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali gie kommess bhala *mezz ai fini* u huwa kompriz u involut fir-reat mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni u dan stante li r-reat ta' serq kien aggravat bi vjolenza kemm numerika izda anke in vista tal-griehi sofferti.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda r-recediva.

Illi l-Ispettur Lydon Zammit fis-seduta tal- 10 ta' Gunju, 2019 prezenta sentenza li tinsab a fol 264 u 265 u mmarkata bhala Dok LCZZ moghtija fil-konfront tal-appellant Noel Borg fis- 7 ta' Novembru, 2017 fejn l-imputat kien irregistra ammissjoni u fejn inghatat sentenza fejn l-imputat gie kkundannat ihallas mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) pagabbli f'hames xhur. L-

[45] Tape 83 p.33–34. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

Avukat Generali indika l-artikolu 49 u mhux l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-Qorti sabet htija taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante l-fatt li ma giex ikkonfermat bil-guramanet jekk din is-sentenza hijiex res judicata izda mill-fedina penali a fol 8 jirrizulta li din il-multa thallset fis- 7 ta' Novembru 2017 u cioe' dan skond in-notament '*Pd: 7/11/17 Rec: 114111*' u ghalhekk gie sufficentement ippruvat li din thallset u ghalhekk res judicata. Din il-Qorti ghalhekk tista' tikkonferma l-htija tar-recediva skond l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

L-appellant appella ukoll mill-piena. L-appellant jaghmel numru ta' sottomissjonijiet fosthom li ghalkemm f'dak il-perjodu huwa kien qieghed jabbuza mid-droga, huwa rega' rriforma ruhu wahdu u qata' dan il-vizzju. Jissottometti li piena karcerarja hija waheda esagerata u eccessiva ghall-ahhar. Jaghmel referenza ghal gurisprudenza u ghal bzonn li l-piena tkun mezz riformattiv. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant Noel Borg ghal seba' (7) snin prigunerija, ghal hlas ta' tlett' mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) rapprezentati terz tal-ispejjez peritali fejn fis-sentenza appellata gie indikat li f'din il-komputazzjoni gie indikat li huma eskluzi l-ispejjez ta' Dr. Lenox Vella. Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens ghal dak it-telf li sofra Lamin Jammeh, vittma ta' serq bi vjolenza u ghal offiza gravi kawzata mill-imputat, ordnat lill-imputat jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' sebat elef ewro (€7,000) kif ukoll poggiet lill-appellant taht Ordni ta Trattament ghal zmien tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali. Giet ordnata ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-konfiska tal-vettura Volskwagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

Kemm mix-xhieda tal-appellant kif ukoll mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina jirrizulta li l-appellant kellu problema tal-vizzju ta' droga. Jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation li mill-*urine samples* li ttiehdu fil- 25 ta' Frar u tad- 9 ta' Marzu dawn irrizultaw fin-negattiv. Minkejja li deher li kien qieghed jahdem fuq il-vizzju ta' droga, il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-ghemil tal-appellant

juri li sakemm ikun verament irrijabilita' ruhu, postu mhux fis-socjeta'. Fost kunsiderazzjonijiet ohra, qieset li l-appellant ma ghamel l-ebda pass sabiex jizarcixxi jew jikkumpensa lil vittma tal-hsara li sofra.

Dwar l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[46] fejn gie kkunsidrat li:

> *'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*
>
> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord*

[46] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **<u>manifestament eċċessiva</u>** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li*

*l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**<u>aspett preventiv</u>** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa*

*jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**__aspett riedukattiv__** u **__rijabilitattiv__** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) Vs Anthony__**

**<u>Cassar U Annabelle Camilleri nee' Monreal</u>**[47] gie meqjus li:

*'Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*

***(a) the punishment of offenders***

***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***

***(c) the reform and rehabilitation of offenders***

***(d) the protection of the public***

***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

*Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal- persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar- reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.*

***Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –***

***' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***

***Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal- piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –***

***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***

***Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-***

[47] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Lulju, 2020 (Appell Numru: 113/2014)

***Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –***

***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[48]"'***

Kif inghad din il-Qorti tqis li r-reat mertu tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' l-ikkagunar ta' griehi ta' natura gravi per durata kienet *mezz ai fini* sabiex jigi kommess ir-reat soggett ghall-ewwel (1) imputazzjoni u cioe' s-serq aggravat u ghalhekk tqis li ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena inflitta.

L-appellant ilmenta minn kif il-Qorti *di sua sponte* applikat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 u ordnatlu jhallas is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) u dan meta l-Ewwel Qorti stess ikkoncediet li *se mai* jekk hemm xi prova tar-res furtiva din tammonta biss ghal kwazi elfejn ewro (€2,000). Ghaldaqstant l-ammont ta' sebat elef ewro (€7,000) *arbitro bono viri* baqghet qatt ma tat rendikont ghalih u dan meta qisitu minghajr ma kien indikat mill-Avukat Generali.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li ma kienx mehtieg li jigi indikat dan l-artikolu mill-Avukat Generali stante li dan l-artikolu ma jikkontemplax htija izda piena. L-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

> '*B'żieda ma' kull piena li persuna li tinstab ħatja ta'reat tista' tingħata b'sentenza, il-Qorti tista' tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż fil-każ biss ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb u*

[48] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin prigunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoniu, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*'

Mix-xhieda tal-vittma Lamin Jammih ghalkemm huwa jghid li kellu erbat elef ewro (€4,000) f'cash huwa qal li elf u hames mija (1,500) kienu tieghu kif ukoll gie ppruvat li erba' mitt ewro (€400) ohra kienu jappartjenu lil persuna ohra u kellu xi hwejjeg u dokumenti. Ghalhekk l-ammont tar-res furtiva pruvata kien ta' madwar elfejn ewro (€2000). Jirrizulta ukoll skont ix-xhieda tieghu l-isptar huwa gie mitlub ihallas kont ta' hamest elef u xi haga u li kien ghalhekk li talab li jigi rilaxxat. Jghid ukoll li intqal lilu '*if i dont pay it you will not go*'. Jghid '*from the billing section, I said I dont have that amount*.' Il-Qorti fit-traskrizzjoni ikkummentat li '*So now it is sorted*.' Dan il-kont ma giex ipprezentat fl-atti bhal kif lanqas ma jirrizulta jekk dan thallas.

L-Ewwel Qorti bhala kumpens ghal dak li soffra Lamin Jammeh ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali ordnat lill-appellant jikkumpensah sebat elef ewro (€7,000). Ghalkemm l-ammont ta' kumpens ai termini ta' dan l-artikolu ma ghandux bzonn ikun limitat ghad-danni reali sofferti izda l-Qorti tista' anke tordna kumpens ghal griehi sofferti, fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ammont ghandu jigi ridott tenut kont tal-fatt li anke l-ko-imputati gew ikkundannati ihalsu kumpens lil vittma u ghalhekk sejra ghalhekk minflokk tordna lill-appellant jikkumpensa lil vittma l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000).

In kwantu l-ordni ghal hlas ta' tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) rapprezentati terz tal-ispejjez peritali fejn il-Qorti ipprecizat li f'din il-

komputazzjoni huma eskluzi l-ispejjez ta' Dr. Lennox Vella. Ma jirrizultax car ghal liema spejjez l-appellant gie ordnat ihallas, biss pero' meta wiehed jghodd l-ispejjez relatati mal-inkarigu ta' Keith Caruana a fol 181 fl-ammont ta' tlett mija u disgha u hamsin ewro u disa' centezmi (€359.09), tar-rapport tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PS 586 Mario Azzopardi a fol 211 fl-ammont ta' mitejn u sitt ewro u tnejn u tmenin centezmi (€206.82), u tar-rapport ta' Dr Mario Scerri immarkat bhala Dok MS a fol 289 fl-ammont ta' tlett mija u sitta u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€346.20) dawn jammontaw ghal disa' mija u tnax-il ewro u hdax-il centezmu (€912.11) li terz taghhom jammontaw ghal tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) kif ordnat l-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li l-Ewwel Qorti ma ordnatx il-hlas tal-ispejjez ta' Dr Lennox Vella, Mr Raymond Gatt u ta' Dr Marisa Cassar u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex sejra tikkundanna lill-imputat ghal hlas tal-ispejjez ta' dawn it-tlett esperti.

In oltre' gialadarba din il-Qorti m'hijiex issib htija abbazi tar-rapport ta' Dr Mario Scerri, sejra tirriduci is-sehem tal-ispejjez rigwardanti r-rapport ta' Dr Mario Scerri li l-appellant gie ordnat ihallas. Ghalhekk huwa qieghed jigi ordnat ihallas l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar u tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PS 586 Mario Azzopardi. Din il-Qorti sejra tikkundanna lill-appellant ghal terz ta' dawn l-ispejjez stante li dawn gew anke prezentati fil-proceduri tal-ko-akkuzati. Ghalhekk l-ispejjez tar-rapporti tal-espert Keith Cutajar u tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PS 586 Mario Azzopardi jammontaw ghal hames mija u hamsa u sittin ewro u wiehed u disghin centezmu (€565.91) u ghalhekk terz jammontaw ghal mija u tmienja u tmenin euro u erbgha u sittin centezmu (€188.64). L-appellant qieghed ghalhekk jigi ordnat ihallas mija u tmienja u tmenin euro u erbgha u sittin centezmu (€188.64).

Din il-Qorti sejra wkoll tikkonferma l-ordni ta' trattament ghal zmien tlett (3) snin fil-konfront tal-appellant *ai termini* tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fejn ordnat il-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-

008 stante li r-reati gew kommessi permezz ta' din il-vettura u ghalhekk <u>hija l-*corpus delicti* li serva sabiex sehhew ir-reati</u>.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant Noel Borg hati tal-ewwel (1) imputazzjoni bl-ammont pruvat tar-*res furtiva* ikun ta' madwar elfejn ewro (€2,000), tikkonferma ukoll il-htija tat-tielet (3) imputazzjoni, kif ukoll tat-tieni (2) imputazzjoni izda ta' offiza ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali abbazi tar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza u tqis ir-reat soggett ghat-tieni (2) imputazzjoni bhala mezz ai fini tar-reat mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal seba' (7) snin prigunerija u minflok tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija.

Tirrevoka fejn *ai termini* tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens ghal dak it-telf li sofra Lamin Jammehvitma ta' serq bi vjolenza, kif ukoll ghall-offiza gravi kawzata mill-imputat, ordnat lill-imputat jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' sebat elef ewro (€7000) u minflok ai termini ta' dan l-istess artikolu tordna lill-appellant sabiex jikkumpensa lil Lamin Jammeh tlett elef ewro (€3,000).

Din l-ordni ghandha l-istess forza u hija ezegwibbli bl-istess mod bhal li kieku nghatat f'kawza civili bejn l-imputat u l-parte leza.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tlett mija u erba' ewro u tlett centezmi (€304.03) u minflokk ai termini ta' dan l-artikolu tikkundanna lill-appellant ihallas mija u tmienja u tmenin euro u erbgha u sittin centezmu (€188.64) rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali kif indikati aktar kmieni f'din is-sentenza.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali fejn poggiet lil hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dan ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikjedi

interventi minn professjonisti ohra inkluz dawk minn psikologici kif rakkomandat mill-Ufficjal tal-Probation.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fejn ordnat il-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008[49].

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

[49] Skont id-dokumentazzjoni mmarkata bhala Dok KC a fol 92 prezentata minn Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta il-vettura hija tal-marka Volkswagen Beetle TDI.